# Leħen il-Parroċċa ta' Ħal Safi



## Is-sena tar-restawr tal-Istatwa Titulari

Festa 2015

Ħarġa No. 37

# *Leħen il-Parroċċa ta'* Ħal Safi




***Ritratt tal-faċċata:***
***Waqt ir-restawr tal-istatwa Titulari***

**Bord Editorjali**

***President:***
Kappillan
Dun David Farrugia

***Editur:***
Tarcisio Barbara

***Qari tal-provi:***
Paul Callus

***Ritratti:***
Tarcisio Barbara

***Indirizz:***
21, Triq Santa Marija,
Safi - SFI 1211
Tel: 21649223

---

**Issettjat u Stampat**

**Print Right Ltd. - Qormi**
**Tel:** 21250994
**Mob:** 99490344
**e-mail:**printright@onvol.net

## F'din il-Ħarġa...

**1.** Editorjal

**2.** Messaġġ mill-Kappillan

**5.** Messaġġ minn Dun Karm Zammit

**7.** Messaġġ minn Jonathan Debattista - Seminarista

**8.** Il-Ħsad hu kbir, imma l-ħaddiema ftit

**10.** L-Importanza tal-proġetti f'ħajjitna

**14.** Manutenzjoni li saret fil-Knisja 2014-2015

**29.** Rendikont Festa San Pawl 2014

**36.** Programm tal-Festa 2014

**43.** San Pawl u dak l-imbierek Żiemel
Iż-Żiemel fl-Ikonografija
tal-Ġrajja tal-Konverżjoni

**51.** "Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn!"

**57.** Meta taqsam ma' ħaddieħor,
il-Mulej jipprovdi iżjed..
Esperjenza ta' Volontarjat fil-Perù

**66.** Tal-M.U.S.E.U.M.: Ħames Snin fil-Polonja

**70.** Mir-Reġistri tal-Parroċċa

**72.** Avviżi



Editorjal

# Is-Sena tar-Restawr tal-Istatwa Titulari

*Tarcisio Barbara*

Fil-Parroċċa tagħna Ħal Safi, kull Kappillan li kellna, mhux biss wiegħed, imma fil-konkret ħa ħsieb ir-restawr u l-konservazzjoni tal-affarijiet u ornamenti li għandna fil-Knisja għażiża tagħna, u dan biex jitgawdew minna u minn ġenerazzjonjiet futuri. F'dawn l-aħħar snin inħass il-bżonn li nirrestawraw l-Istatwa ta' San Pawl u l-Pedestall, u dan minħabba ħsarat li kien fihom, kemm biż-żmien kif ukoll bl-elementi naturali flimkien m'elementi oħra.

Fis-sena 2012 numru ta' Parruċċani kienu appellaw lill-eks-Kappillan Kan. Dun Ġużepp M. Farrugia biex jibda dan ix-xogħol u jibda jiġbor il-flus għal dan il-għan. Min-naħa tiegħi jien tajt parir lill-Kappillan biex iwaqqaf Kummissjoni b'nies minn Ħal Safi, bil-ħsieb li tieħu l-inkarigu ta' dan ix-xogħol, kif ukoll tgħin fil-ġbir ta' fondi għal dan il-għan.

Il-Kappillan mexa fuq dan il-parir u twaqqfet il-Kummissjoni Restawr Statwa ta' San Pawl, magħmula minn dawn il-persuni: President Kan. Dun Ġużepp M. Farrugia (Kappillan), Segretarju s-Sur Tarcisio Barbara (Moderatur Kunsill Pastorali Parrokkjali), is-Sur Charles Polidano (Kontributur tal-Parroċċa), is-Sur Paul Busuttil (President tal-Każin San Pawl), is-Sur Emanuel Debono (Membru fil-Kumitat Każin San Pawl), u s-Sur Anthony Abdilla (Prokuratur tal-Fratellanza tas-Sagrament).

Fis-sena 2014 inħatar Dun David Farrugia bħala Kappillan ġdid u flimkien mal-Kummissjoni evalwa s-sitwazzjoni kif ukoll diversi stimi u rapporti li kienu ntalbu jressqu diversi restawraturi, biex fl-aħħar iddeċidejna li x-xogħol ta' restawr u konservazzjoni tal-istatwa mal-pedestall, kellhom isiru fil-Laboratorju tal-Atelier del Restauro, fil-Mosta. Dan għamilnieh anke wara li rajna x'tip ta' xogħol kien sar fuq l-istatwa ta' Sant'



Elena ta' Birkirkara, li l-Altelier kien għadu kif temm f'Awwissu 2014. Il-Kurja tat il-permessi meħtieġa wara li tressqu r-rikorsi relatati.

Issa, wara l-konservazzjoni u restawr li ħadu madwar tmin xhur, ix-xbieha ta' San Pawl, tant għażiża għalina l-Ħalsafin, ser terġa' tasal fostna għall-Festa li ġejja. Dan ix-xogħol żgur se jkun apprezzat ħafna u jalla jibqa' jitgawda fil-futur, waqt li jqanqal fina ferħ u fiduċja.

## Il-Festa ta' San Pawl

Bħal kull sena, se niċċelebraw il-Festa ad unur San Pawl, li tiġi waħda mill-aħħar festi tal-istaġun. Kif nagħmel dejjem, nappellalkom biex f'din il-Festa nerġgħu nitħeġġu billi nersqu aktar lejn il-knisja, nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet speċjali li se jsiru, sabiex nagħtu glorja lil Alla, nogħġbu lil San Pawl, u nagħtu eżempju tajjeb lil xulxin. Niffesteġġjaw u nieħdu pjaċir ukoll billi nattendu għall-attivitajiet l-oħra li se jsiru barra, bħall-marċi u n-nar.

Qabel nagħlaq, nixtieq ngħid grazzi għan-nom tal-Parroċċa lil dawk kollha li qed jikkontribwixxu għal dan il-fuljett, b'mod speċjali lill-artikolisti u lil dawk li qed jirreklamaw.

Nawguralkom Festa sabiħa, Festa Qaddisa.

Johnny Holidays
Travel Centre
John Zammit
*Incoming Travel Agency*
Triq il-Bronja
Żurrieq
MALTA
Tel: (+356) 2164 7647
Mob: (+356) 7944 4082
Fax: (+356) 2164 7640
e-mail: info@johnnyholidays.com
**www.johnnyholidays.com**



Messaġġ għall-Festa 2015 mill-Kappillan

# "Jien għandi biex nitkabbar fi Kristu Ġesù fis-servizz tiegħi għal Alla" u Aħna?

*Dun David Farrugia*

Għeżież Ħalsafin, u dawk kollha li għal matul il-ġimgħa tal-Festa se tingħaqdu magħna, waqt li nsellmilkom, jidhirli li tkun ħaġa f'lokha li matul dawn il-jiem speċjali ta' ċelebrazzjonijiet f'ġieħ San Pawl u l-Konverżjoni tiegħu, patrun tal-parroċċa tagħna, nirriflettu ftit fuq attitudnijiet li għalkemm jidhru li jwassluna għall-pika, fil-verità kapaċi jdaħħluna fl-ispirtu tal-festa: ***li wieħed jiftaħar u jitkabbar***.

**"Min jiftaħar, ħa jiftaħar fil-Mulej"**

Sinċerament ma naħsibx li dan li se ngħid japplika wisq għall-Ħalsafin għax kemm ilni hawn nista' ngħid li ħafna huma dawk li jħobbu lil San Pawl. Imma mhux l-ewwel darba li tisma' diversi nies jgħidulek li għalkemm jirrikonoxxu li San Pawl huwa qaddis kbir, ma tantx jiġbidhom lejh għax jarawh jiftaħar wisq, bħal donnu mimli bih innifsu, u allura, għalkemm qaddis, il-virtù tal-umiltà ma tantx tispikka fih. Huwa veru li min jiftaħar u jitkabbar, u fl-istess nifs imaqdar, jiddisprezza, u jarmi lil ħaddieħor – għax bħal fatta hu biss jeżisti u tiegħu biss tajjeb – ma jirriflettix il-valuri tal-Vanġelu. Anzi dan imur kontra l-Kelma ta' Alla għax juri suppervja, arroganza u pika, li ma jħallux lil dak li jkun jibqa' kapaċi japprezza s-sabiħ u t-tajjeb ta' ħaddieħor.

Imma jekk niflu lil San Pawl, il-karattru tiegħu u kliemu, malajr nistgħu nintebħu li l-ftaħir u t-tkabbir ta' Pawlu huma dejjem magħġuna mal-apprezzament u maċ-ċertezza tal-Imħabba ta' Alla. Għax konvint li Alla jħobbu u sejjaħlu biex jaqdih, San Pawl ma kienx jiddejjaq jew jistħi jiftaħar bil-Vanġelu, bi Kristu, u bil-qawwa tal-Grazzja li tidher taħdem fih. Tant hu hekk li dan jissuġġerih lil kull Nisrani: *"Min jiftaħar, ħa jiftaħar fil-Mulej"* [1 Kor. 1:31]. F'San Pawl nistgħu ngħidu li n-Nisrani għandu jiġi konxju li hu għandu tassew biex jiftaħar: fil-ħajja u l-kliem ta' San Pawl għandna naraw, immissu u nesperjenzaw il-konvinzjoni li Alla għandu minn kull bniedem, u tal-fidi li kull bniedem imsejjaħ jgħix f'Ġesù Kristu. San Pawl jurina biċ-ċar li l-fidi tagħna għandha tkun ċelebrazzjoni u ftaħir xieraq tal-konvinzjoni tagħna f'Alla li qatt ma jaqta' qalbu minna, u li aħna msejħin biex nixhdu għaliH u mhux nisktu, nistħu jew inwarrbu.

**"Jien għandi biex nitkabbar fi Kristu Ġesù fis-servizz tiegħi għal Alla"**

Biss, f'San Pawl, li bla dubju din is-sena l-Ħalsafin ser ikollhom tentazzjoni akbar

biex jiftaħru bix-xbieha tiegħu li għadha kif ġiet restawrata, ejjew niskopru wkoll mod ġdid ta' kif niftaħru u nitkabbru: *"fi Kristu Ġesù fis-servizz tiegħi għal Alla"* [Rum. 15:17]. Timpressjonani dejjem dik is-silta mit-Tieni Ittra lill-Korintin meta San Pawl bħal donnu jġibilna quddiemna fi ftit vrus dak li għadda minnu biex jixhed għal u biex ixandar l-Evanġelju: swat, tħaġġir, għarqiet, safar, perikli, taħbit, xogħol iebes, sawm, .... [2 Kor. 11:21-29]. Tassew nistħajlu jrid idewwaqna l-istorja ta' ħajtu bħala offerta lil Alla. Veru dawn il-ġrajjiet għexhom hu, imma għexhom għax baqa' sod fil-fidi u fl-esperjenza tiegħu f'Alla.

Għalhekk ippermettuli nistaqsi: Bħala Nsara, u bħala Nsara Pawlini, aħna qed nitkabbru biss b'dawk li huma għajdut, impressjonijiet, fehmiet u kapaċitajiet tagħna, jew verament qed infittxu nagħrfu nitkabbru bil-qadi tagħna għal Alla? Qed ninqdew b'San Pawl biex nidhru aħna jew qed nimitawh biex il-ġesti, il-fatti, il-ħidmiet tagħna jkunu tassew xhieda, qadi, u servizz tagħna għal Alla? Nistedinkom biex matul dan iż-żmien niftakru li hawn Insara li dan qed jagħmluh tassew – qed jgħixu persekuzzjonijiet li qed jiswewlhom ħajjithom stess – imma aħna, għad li s'issa m'aħniex imsejħin biex nimitawhom b'din ir-radikalità, imsejħin biex nagħmlu għażliet ċari, sinċieri u konkreti quddiem Alla, u quddiem is-soċjetà li qed ngħixu fiha. Għalhekk neżaminaw lilna nfusna u naraw bis-serjetà kemm inqattgħu ħin f'talb, fi kliem ta' tama u kuraġġ, u f'ġesti ta' karità. Dan, flimkien mas-sinċerità, il-ġenwinità u l-ħlewwa, għandu jkun il-ftaħir tagħna f'Alla, anke jekk fihom inħossuna dgħajfin. Inkella faċilment jiġrilna li nispiċċaw niftaħru b'dak li hu gidba, u allura b'dak li jmissna nistħu minnu!

**Għal Ħajjitna**

Għalhekk f'dawn il-ġranet tal-festa, nistedinkom biex din ir-rabta tagħna ma' dan il-Qaddis Kbir inkomplu nkabbruha, insaħħuha u nsarrfuha f'esperjenza ħajja. U dan nistgħu nagħmluh l-aktar billi:

- Lil San Pawl inżommuh aktar f'qalbna u nħalluh jurina t-triq li twassalna għand Ġesù u li tgħaqqadna aktar mal-Knisja tiegħu.
- Bħalu nkunu għorrief u nagħrfu naqdu lil Alla u lill-Knisja tiegħu b'fedeltà u bis-saħħa kollha li tana, anke jekk dan ifisser li mmorru kontra l-kurrent u li nikkorreġu.
- Fl-imġiba tagħna ma' xulxin, naraw li nixbħuh: sbieħ mhux tant għax nidhru, imma għax inkunu ftaħna qalbna għal Alla u għal xulxin, billi ma nurux wiċċ b'ieħor imma nuru wiċċ mimli ħniena.

Minn qalbi, nawgura lilkom u 'l-familji tagħkom festa sabiħa u qaddisa, fejn l-eżempju ta' San Pawl isir l-għażla u x-xhieda tagħna.

Mela Viva l-MAGNUS, u
l-Festa t-Tajba lil kulħadd!



Messaġġ għall-Festa 2015

# San Pawl iħeġġiġna

*Dun Karm Zammit*

**"Ħabirku għas-salvazzjoni tagħkom bil-biża' u t-tregħid. Alla hu li jaħdem kemm fir-rieda tagħkom u kemm fit-tħabrik tagħkom, biex tagħmlu dak li jogħġob lilu. Agħmlu kollox mingħajr tgemgim, u mingħajr tħassib, ħalli tkunu nies bla għajb u safja, ulied Alla bla tebgħa."**

*1 Fil. 2:12a-15a*

Kemm huma sbieħ dawn l-erba' versi li nsibu f'din l-ittra ta' San Pawl lin-nies ta' Filippi, u kemm għandhom jgħinuna biex ngħixu bħala Nsara veri. U dan kollu nagħmluh biex inkunu *"Ulied Alla bla tebgħa."*

- U aħna nies li nħobbu ngergru? U tgħid le!
- Aħna nies li għandna l-biża' ta' Alla, u allura noqogħdu attenti x'nagħmlu u kif nagħmluh?

San Pawl, wara l-konverżjoni tiegħu, u fil-ħajja pastorali tiegħu, dawn l-istess kelmiet għexhom bis-sħiħ. U mhux biss, imma wkoll stedinna: *"Agħmlu kollox għall-glorja ta' Alla."*

Għalhekk tiġi l-Festa, biex nifirħu u waqt li nifirħu, nitħeġġu biex ngħixu matul is-sena ħajja Nisranija awtentika. Dan hu l-messaġġ għal din is-sena li Missierna San Pawl, li aħna tant inħobbu u nitolbu l-għajnuna tiegħu, ifakkarna biex ngħixu ta' Nsara wlied Alla li aħna. M'għandniex naqtgħu qalbna, anqas nibżgħu minn dan l-impenn. Il-grazzja ta' Alla li mexxiet lil Missierna San Pawl, Alla jagħtiha lilna wkoll. Hekk, l-eżempju tagħna jkun ta' kuraġġ għal ħaddieħor ukoll.

## San Pawl Missierna, mexxina fit-triq tal-Mulej u berikna!



***Infittxu lil Kristu...***
***għax Kristu jfittixna***
*"Jien kuljum nistennik"*

# tower ironmongery





*suppliers of:*
Building Materials,
D.I.Y., Power Tools & Hand Tools,
Electrical & Plumbing, Water Heaters,
Grouting, Cement, Lime & Adhesive Products,
Drain Pipes & Fittings,
Galvanised Pipes & Fittings,
Aluminium Ladders, Curtain Rails, Rużuni,
Sanitary Fittings, Garden Tools,
Plastic Chairs & Tables,
Fans, Barbecues, Heaters,





# SIGMA PAINT DISPENSING SYSTEM



- An endless variety of colours to choose
- Available in three different sizes
- Interior & Exterior Paint
- Mixed while you wait



**Tower Street, Żurrieq ŻRQ 2360**
**Tel: 2164 0196**



Messaġġ għall-Festa 2015

# Ma' min iltqajt fit-triq?

*Jonathan Debattista - Seminarista Sena II*

Jien inħobb inqabbel il-ħajja ta' kull persuna ma' triq. Aħna, meta nkunu miexja, niltaqgħu ma' diversi persuni, xi wħud minnhom inkunu nafuhom, iżda oħrajn ma nafuhomx. Il-ħajja tagħna hi l-istess. Xi kultant ngħaddu minn esperjenzi jew fażijiet li nkunu nafu li rridu ngħaddu minnhom, imma xi kultant il-ħajja tlaqqagħna ma' xi sorpriża li kultant taf taħsadna u tfixkilna.

Naħseb issa ħafna minnkom indunajtu li matul dan is-sajf fil-parroċċa tagħkom hawn Seminarista. Taħsbux li jien kelli jew għandi xi ħajja perfetta u t-triq tiegħi hija dejjem bit-tarmak. Anzi, ngħidilkom li jiena persuna normali li t-triq tiegħi ġieli kienet għat-telgħa, xi kultant għan-niżla, xi kultant dritta u ġieli waqajt f'xi ħofra wkoll. F'ħajti għaddejt minn diversi esperjenzi differenti li grazzi għal dawn jien wasalt fejn wasalt. Qabel dħalt is-Seminarju, il-ħajja laqqgħetni ma' relazzjoni, xogħol, studju fl-Università, ħruġ ma' sħabi, u ħafna esperjenzi oħra.

Biss, meta wasal il-mument opportun, il-Mulej ried jgħaddili messaġġ. Ried ikun jaf fejn verament qalbi tistrieħ. U kelli nagħmel għażla mhux faċli, għax ngħiduha kif inhi, il-ħajja bil-kurrent tagħha dejjem tiġbdek bħal kalamità biex tibqa' fiha u tkun parti minnha. Biss din qatt ma tagħtik il-ferħ li jimla kompletament lil qalbek. Għaldaqstant l-għażla li jien għamilt niddeskriviha mhux biss bħala li nidħol is-Seminarju biex insir qassis, imma l-ewwel u qabel kollox li ħajti tinbena f'relazzjoni sabiħa mal-Mulej li qiegħed isejjaħli, imbagħad jekk Hu jridni, inkun saċerdot tiegħu.

Dan hu l-awgurju tiegħi għalikom. San Pawl ma kellux xi triq faċli quddiemu, però fil-mument opportun għaraf lil Ġesù li kellmu fit-triq lejn Damasku. Din il-laqgħa bidlitlu ħajtu. U jien ukoll, fil-mument opportun, il-Mulej ried xi ħaġa mingħandi u jien qed nagħmel ħilti biex nagħtih kollox, anke lili nnifsi. U int lill-Mulej f'din il-festa x'se tagħtih? Kieku kellek tiltaqa' miegħu fit-triq, tibqa' għaddej? Tieqaf? Tisimgħu? Tkellmu?

Jalla din il-festa tkun mument fejn qalbek u qalbU jiltaqgħu u jitkellmu. Itolbu biex aktar persuni minn Ħal Safi jisimgħu u jwieġbu b'ġenerożità u b'libertà għassejħa li l-Mulej jagħmel. Il-Mulej qiegħed isejjaħ; lest li twieġbu?

Fl-aħħar ngħidilkom grazzi. Grazzi għax fikom rajt poplu li laqagħni bħalma l-ewwel nies għamlu meta San Pawl niżel fuq din il-gżira. Il-qalb tal-poplu ta' Ħal Safi hija kbira u fikom nara l-imħabba li għandkom lejn Alla u lejn il-Patrun tagħkom San Pawl. Komplu itolbu kemm għalija u kemm għal sħabi biex dejjem u f'kollox nagħmlu r-rieda tiegħU.

# Il-Ħsad hu kbir, imma l-Ħaddiema ftit

*Anthony Dimech – Superjur MUSEUM Subien*



Din is-sentenza qalha Ġesù. Hi sentenza dwar il-vokazzjonijiet. Hi l-għajta tagħna l-Insara li nixtiequ nkunu aktar biex inkunu iktar kapaċi nxerrdu l-Vanġelu f'ħafna iktar postijiet. In-numru dejjem jikkondizzjona l-firxa tal-vokazzjonijiet. Jien u nikteb dan l-artiklu f'moħħi jiġu d-diversi qassisin li għandna, il-patrijiet u s-sorijiet kif ukoll il-lajċi li qed jaħdmu għas-Saltna ta' Alla u jippruvaw iwasslu lil Kristu kull fejn ikunu. Huma jwasslu messaġġ ta' mħabba lejn dawk li, kif iħobb jgħid il-Papa Franġisku, jinsabu fil-periferiji. Jiena nemmen li l-Knisja trid tkun qrib il-batut, qalb il-foqra, qrib il-poplu, qrib il-familji, speċjalment fejn hemm il-problemi u l-uġiegħ, u viċin dawn il-persuni li rridu nsostnuhom umanament u spiritwalment.

Imma x'inhi l-vokazzjoni tal-M.U.S.E.U.M.? X'nagħmlu aħna tal-M.U.S.E.U.M.? Għalfejn aħna differenti minn vokazzjonijiet oħra? Hawn lajċi oħra li jgħallmu lit-tfal, allura aħna bħalhom, jew huma bħalna? L-ewwel nett, il-vokazzjoni hi sejħa li Alla jagħti lil min irid. Barra minn hekk, fi ħdan il-Knisja jeżistu diversi rwoli u kariżmi li mhux kollha huma l-istess. Hemm il-Papa, l-Isqfijiet, il-kappillani, il-qassisin, il-patrijiet, is-sorijiet, il-lajċi u anke l-miżżewġin. Dawn kollha jridu jgħixu l-ħajja Nisranija, imma huma lkoll differenti. Il-qassis mhux l-istess bħal tal-Mużew, is-soru hi differenti minn min hu miżżewweġ. Fil-Knisja kollha għandhom kariżma, rwol, xogħol differenti.



Meta San Ġorġ Preca waqqaf is-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M., f'moħħu kellu l-kariżma tat-tagħlim. Hu kkopja lil Kristu li kien l-ikbar Għalliem – **Christus Magister**. San Franġisk ikkopja lil Kristu fil-faqar. Dun Ġorġ ried li jwaqqaf Soċjetà ta' ġuvintur u xebbiet li jgħallmu lit-tfal, liż-żgħażagħ u lill-adulti. Riedhom



ixandru l-kelma ta' Alla kullimkien – **Mgħallem mhux li kien id-dinja kollha timxi wara l-Evanġelju tiegħek** – il-motto tal-M.U.S.E.U.M.. Il-M.U.S.E.U.M. jinsab kważi f'kull belt jew raħal f'Malta u jinsab ukoll f'xi pajjiżi oħra li huma l-Awstralja, l-Ingilterra, l-Albanija, il-Kenja, il-Perù, il-Polonja (fejn hemm Ivan Grixti) u Kuba. F'dawn il-pajjiżi hemm għan wieħed – li nxandru l-kelma ta' Alla. Qatt ma jmorru hemm biex iqassmu l-affarijiet lill-foqra – dik mhix parti mill-vokazzjoni tagħna.

Iż-żagħżugħ, meta jagħlaq is-sittax-il sena, jagħmel il-pass u jitla' kandidat. Il-kandidatura hu żmien ta' preparazzjoni u dixxerniment biex wieħed jara eżatt x'irid Alla f'ħajtu. Jesperjenza aktar mill-qrib dak kollu li toffri s-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M.. Ikollu laqgħat ma' kandidati tamparu u flimkien jesploraw din il-vokazzjoni nobbli. Jattendi kors ta' erba' snin kull nhar ta' Sibt li jissejjaħ responsorju. Ikollu diversi *seminars* u *live-ins*. Barra minn hekk, matul is-sjuf, jagħmel esperjenza f'qasam ieħor f'Malta u wkoll f'qasam barra minn Malta. Dan kollu waqt li jibqa' jaħdem jew jistudja. Aħna tal-M.U.S.E.U.M. qegħdin fid-dinja u allura rridu naqilgħu l-għajxien tagħna permezz ta' xogħol. Sadanittant, il-kandidat jagħmel ċerimonja fejn fiha jwiegħed li jħares biss lejn Kristu matul ħajtu. Wegħda li kellu bżonn jagħmilha kulħadd. Ma' San Pawl ngħidu: ***"Mhux jien ngħix, imma Kristu jgħix fija."*** Ta' madwar 21 jew 22 sena, wieħed isir soċju – jinkorpora fil-M.U.S.E.U.M.. Ma jibqax marbut mal-qasam fejn ikun trabba, imma jsir tas-Soċjetà kollha u fid-dispożizzjoni tas-Superjur Ġenerali.



Jalla San Pawl ikompli jdawwal aktar żgħażagħ biex jagħżlu din il-vokazzjoni u jipperseveraha fihom għal dejjem.  Itolbu biex aktar żgħażagħ Ħalsafin jisimgħu lil Alla jsejħilhom għal din il-vokazzjoni.



Messaġġ għall-Festa 2015

# L-importanza tal-Proġetti f'ħajjitna

*Tony Pace*




Anjese għandha 55 sena. Taħdem bħala kaxxiera f'bank. Iż-żewġt ifal ta' Anjese issa kibru u ħadu l-istat tagħhom. Bħalissa Anjese qiegħda tħoss in-nuqqas ta' xi ħaġa li ġġegħilha tħares b'fiduċja fil-ġejjieni. Tħoss in-nuqqas ta' proġett f'ħajjitha.

Frans ukoll għandu 55 sena. Bil-għaqal u bix-xogħol, irnexxielu jakkwista tomna raba' n-naħa ta' Ħal Xluq, limiti tas-Siġġiewi. Mar-raba' hemm ukoll żewġ kmamar żgħar. Fil-ħin liberu tiegħu Frans, fi żmien tliet snin irnexxielu jagħmel ġenna tal-art minn dan il-ġenb raba' li qabel kien żdingat. Irranġa l-kmamar u ġabhom tassew komdi, ħaffer ġiebja mdaqqsa, daħħal id-dawl u l-ilma, żera' dwieli u siġar taċ-ċitru u beda jaħdem l-għalqa biex minnha beda jieħu ħafna frott. Il-proġett ta' Frans sewa ta' sodisfazzjon kbir, kemm għal Frans innifsu kif ukoll għall-familja tiegħu.



Meta nqabblu lil Anjese ma' Frans, malajr nindunaw illi fil-kwalità ta' ħajja li qegħdin jgħixu bħalissa, Frans jgħaddi lil Anjese waħda sew.

Il-parroċċa tagħna ta' Ħal Safi, minn sentejn 'l hawn, ħasset il-bżonn illi tirrestawra l-istatwa titulari ta' San Pawl. Ġiet iffurmata kummissjoni



biex tgħin lill-kappillan f'dan il-proġett tassew ambizzjuż. Nistgħu ngħidu illi l-proġett tar-restawr tal-istatwa entużjażma lill-komunità Ħalsafija kollha. Il-proġett għandu skop tassew nobbli, dak li jiġi ppreservat il-wirt kulturali u artistiku illi għandu r-raħal tagħna. Il-komunità Ħalsafija fehmet l-importanza ta' dan il-proġett u allura, kulħadd ingħaqad jaħdem għal dan il-għan. Bosta ikkontribwixxew u taw donazzjonijiet, kulħadd skont il-mezzi tiegħu, biex din l-idea ssir realtà. Saru preżentazzjonijiet tassew edukattivi mir-restawraturi, u diversi gruppi żaru l-post fejn qiegħed isir ix-xogħol. M'hemmx dubju illi proġett bħal dan, minbarra li jservi bħala mezz ta' konservazzjoni tal-wirt artistiku, iservi wkoll biex il-komunità titgħallem tapprezza s-sabiħ li aħna mdawrin bih. Finalment, bi proġett bħal dan, il-komunità tingħaqad iktar. M'hemmx dubju illi l-proġetti għandhom importanza enormi fil-ħajja tagħna.

Nistieden hawnhekk lil min qiegħed jaqra dan l-artiklu biex jaħseb dwar id-differenza bejn **l-eżistenza** u bejn **il-ħajja**. Ġieli ħassejtek qiegħed biss *teżisti* u mintix *tgħix*? Kull bniedem huwa maħluq biex jgħix. Li tgħix, li tkun ħaj, ifisser li tħossok komdu u fil-paċi mal-ambjenti differenti ta' madwarek. Li tgħix ifisser li tkun sodisfatt, kuntent u għal qalbek. Il-kuntentizza u l-paċi tal-qalb jagħtu ħafna sens lil ħajjitna.

Il-proġetti minn dejjem kienu importanti wkoll għall-edukazzjoni tal-istudenti tagħna. Permezz tal-proġetti l-istudenti jidraw ifittxu, jidraw jaħdmu mingħajr wisq għajnuna mingħand il-ġenituri u l-għalliema, jidraw jikkollaboraw u jaħdmu flimkien.

Kultant li toħloq proġett interessanti għal ħajtek, ma jkunx jinvolvi għajr ftit ħsieb. Nieħdu eżempju. Meta joqorbu l-vaganzi tas-sajf, bosta ġenituri jieħdu qatgħa. Doris u Malcolm għandhom tlett itfal, kollha fl-età tal-iskola primarja. Wara laqgħa li kellhom ma' *Guidance Officer*



l-iskola dwar *"Kif Nistgħu Nibdlu l-Vaganzi tas-Sajf f'Opportunità għal Uliedna"*, Doris u Malcolm bdew jagħmlu pjan biex fis-sajf, il-ħin jiġi użat sew. Fost ħafna attivitajiet oħra, ippjanaw ħin għall-qari, ħin meta t-tfal



jgħinu fix-xogħol tad-dar, ħin meta jsaqqu l-pjanti u tliet siġriet taċ-ċitru flimkien, ħin għaż-żjarat lill-qraba, ħin għall-baħar, il-lezzjonijiet u l-attivitajiet tal-MUSEUM. Ippjanaw li tliet darbiet fil-ġimgħa u naturalment nhar ta' Ħadd jisimgħu l-quddiesa flimkien. Għal Malcolm, Doris u għal uliedhom, il-vaganzi tas-sajf inbidlu f'jiem tassew sbieħ.

Noqogħdu attenti li l-proġetti li nimbarkaw fuqhom ikunu sostenibbli. Noqogħdu attenti biex "nitfgħu x-xlief fejn ilaħħqilna!" Huwa ġenn li nixtri villa li naf li biex inħallasha se jkun impossibbli. Inkun qiegħed biss nikkundanna lili nnifsi għall-frustrazzjoni u forsi d-dispramment. B'naqra immaġinazzjoni nistgħu noħolqu proġetti sempliċi li jistgħu jagħtuna ħafna sodisfazzjon: norganizzaw ġnien mitluq, naħdmu biċċa raba' mitluqa, nitgħallmu strument mużikali, nitgħallmu nsajru, nitgħallmu sengħa antika, nagħmlu proġetti ta' manutenzjoni fid-dar, norganizzaw safra mill-bidu sal-aħħar waħedna, bil-għajnuna biss tal-internet.

Fil-ħajja, billi jkollna sempliċiment mezzi ta' mogħdija ta' żmien, mhux biżżejjed. Huma l-proġetti li niddeċiedu li naħdmu fuqhom li jagħtuna ħafna sodisfazzjon.


Seashells
Restaurant
Xlendi - Għawdex
Tel: 79498666
99498666
Xlendi Road, Xlendi

# Manutenzjoni li saret fil-Knisja 2014-2015

*Kappillan Dun David Farrugia*

Sena tgħaddi qisha xejn, aktar u aktar meta jkollok ħafna appuntamenti u xogħol għaddej. Il-festa tas-sena li għaddiet qisha kienet il-bieraħ u erġajna wasalna għal appuntament ieħor importanti fil-ħajja tal-parroċċa tagħna fejn infakkru u niċċelebraw flimkien il-ħajja tal-qaddis patrun tagħna San Pawl.

Il-festa hi attività reliġjuża u għalhekk tibda u tispiċċa fil-knisja. Tiġi biex aħna nirreflettu fuq il-messaġġ li jwasslu l-qaddisin li bl-eżempju ta' ħajjithom iressquna aktar lejn Kristu. Għalhekk il-knisja, bħala bini fejn tinġabar il-komunità Nisranija, għandha tinżamm fl-aħjar stat biex taqdi l-funzjonijiet li għalihom kienet mibnija.

Mill-festa li għaddiet sa din il-festa li qed niċċelebraw, kellna sena impenjattiva kemm mil-lat pastorali kif ukoll mil-lat ta' manutenzjoni, restawr u ħidma oħra relatata mal-attivitajiet li jsiru fil-knisja. Għalhekk tajjeb ukoll li nagħtu ħarsa lejn dak li jkun twettaq biex ikun aktar apprezzat u biex ngħadduh lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

## Lat Estern tal-Knisja Parrokkjali

### Manutenzjoni tal-Koppla u l-Lanterna minn Barra

Eżatt wara l-festa tas-sena li għaddiet, diversi persuni mill-Każin San Pawl, speċjalment membri mill-Għaqda tan-Nar, offrew li jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tal-koppla minn barra; għaldaqstant sar brix, tikħil, u nżebgħu l-koppla u l-lanterna minn barra. Dan ix-xogħol sewa €666.

### Manutenzjoni tal-Bjut prinċipali tal-knisja

Saret tiswija ta' kanna tal-ilma, brix, u tikħil b'materjal ta' protezzjoni mill-ilmijiet u elementi oħra. Dan ix-xogħol sar b'mod volontarju mis-Sur Edward Schembri, flimkien mas-Sur Tony Camilleri.

### Service lill-arloġġ tal-kampnar tal-knisja

Dan ix-xogħol sar mis-Sur Stephen Zammit, li kien irrestawrah hu stess, u sewa €25.

### Manutenzjoni tal-bibien tal-knisja

Ingħatat dawra lil dawn il-bibien, fejn ix-xogħol tal-brix u l-verniċ sar mis-Sur Joe Ellul u sewa €260.

**Manutenzjoni tad-dawl tal-knisja li jinsab fuq iz-zuntier**

Id-dwal li tassew jagħtu dehra sabiħa lill-knisja parrokkjali hekk kif tinżel ix-xemx kien fi stat ħażin ħafna minħabba l-elementi. Il-Kunsill Lokali laqa' t-talba li saret mill-Kappillan biex dawn jiġu rranġati u grazzi għalihom u għax-xogħol li sar b'mod volontarju mis-Sur Paul Busuttil, illum reġgħu qed jixegħlu.

## Lat Intern tal-Knisja Parrokkjali

**Manutenzjoni tas-Sound System**

Eżatt kif għaddiet il-festa tas-sena li għaddiet, inħass il-bżonn li ssir manutenzjoni fuq is-sound system tal-knisja. Ġew ittestjati l-mikrofoni u ġie ssettjat mill-ġdid is-sound. Żdied mikrofonu ieħor għall-animaturi. Inxtara G-clamp flimkien ma' microphone ġdid għal-leġiju tas-sedja taċ-ċelebrant, waqt li ssewwew xi cables. Ix-xogħol, ħafna minnu volontarju, sar mill-Kappillan u mis-Sur Mario Ellul, waqt li l-ispejjeż telgħu għal €124, bl-affarijiet relatati jiġu mixtrija mingħand Audiophonic Ltd ta' Ħal Tarxien u Olimpus Ltd tal-Mosta.

**Tiswija tas-Siġġijiet**

Inxtraw madwar 80 siġġu (qiegħ u dahar) għal prezz ta' €640 mingħand St Joseph Woodworks ta' Ħal Qormi biex jinbidlu m'oħrajn li bdew jinkisru. Ix-xogħol tat-tibdil qed jieħu ħsiebu b'mod volontarju s-Sur Paul Busuttil.

**Service lill-orgni tad-Ditta 'Mascioni'**

Ġie spezzjonat l-orgni mill-GDL Trading & Services Ltd fejn twettaq servizz ta' Pest Control u wara s-Sur Robert Buhagiar, li kien irrestawrah b'mod estensiv ftit tas-snin ilu, tah service u ħa ħsieb it-tuning. B'kollox l-ispiża telgħet għal €90.

**Is-Sagristija**




Is-Sur Anthony Busuttil, b'mod volontarju, ħa ħsieb inaqqax isem il-kappillan il-ġdid fil-lapida tal-irħam li turi l-ismijiet tal-kappillani li kellha din il-parroċċa, liema lapida kienet ġiet maħduma minnu stess. Saret ukoll sistema aktar

organizzata tal-kotba u l-ilbiesi liturġiċi fis-sagristija, kif ukoll sar xi tindif u riorganizzazzjoni tal-kaxxarezzi. Ġiet riorganizzata wkoll il-Kamra tal-Qrar.

**It-Toilet-Store tal-materjal relatat mal-Fjuri**



L-istat tat-toilet u l-kamra li fiha jiġu maħżuna xi affarijiet relatati mat-tiżjin tal-fjuri kien ħażin ħafna. Għaldaqstant, flimkien ma' Pauline Zammit li tieħu ħsieb il-fjuri, ġie deċiż li jsir xogħol estensiv biex din il-kamra tiġi rranġata minnufih. Is-Sur Ġużi Zammit, b'mod volontarju, ħa ħsieb il-brix, it-tikħil b'materjal ta' protezzjoni mill-ilmijiet u elementi oħra, speċjalment is-saqaf, kif ukoll t-tibjid ta' din il-kamra. Wara li nxtara l-madum, kif ukoll toilet u sink ġodda, ħa ħsieb it-tqegħid u t-twaħħil tagħhom. L-ikkumnikar tat-toilet, il-flushing u s-sink, saru mis-Sur Ġużi Bondin. Inxtrat ukoll medicine chest bil-mera. Wara li ġie rranġat il-bieb, ittieħdet ukoll id-deċiżjoni li ssir faċċata ta' armarju u xkafef biex joqogħdu aħjar l-affarijiet tal-fjuri u tal-ħasil. Il-parroċċa xtrat il-materjal u dan inħadem b'mod volontarju mis-Sur Ninu Abdilla. Is-Sur Vincent Cutajar ġie mqabbad biex jaħdem grada iggalvanizzata għat-tieqa ta' din il-kamra, waqt li s-Sur Raymond Bartolo ħa ħsieb jibdel xi ġebel li kien tkisser, xogħol li għamlu b'mod volontarju. B'kollox l-ispiża laħqet is-somma ta' €905, imma ammont sostanzjali minn din l-ispiża tħallas minn benefattriċi.

**Manutenzjoni fil-Kmajra tas-Sepulkru**

Inbeda l-brix ta' kmajra fil-ġenb tal-kappellun tar-Ružarju fejn jintrefgħu xi affarijiet li jintramaw fis-Sepulkru. Ix-xogħol daħal għalih Redeemer Barber.

## Saħħa u Sigurtà

Dan l-aspett importanti wkoll ġie eżaminat u ttieħdu miżuri ta' prevenzjoni dovuta billi saret il-manutenzjoni liż-żewġ fire extinguishers u ġiet irregalata First Aid Box minn Pasteur Pharmacy.

## Affarijiet Liturġiċi

**Perspex**

Ġew ordnati biċċiet tal-perspex għal fuq l-altar mejda u l-altar maġġur għall-prezz ta' €120 biex l-arranġamenti tal-fjuri u xi gandlieri żgħar joqogħdu fuqhom u jevitaw li jtebbgħu t-trieħi ta' taħthom.


Magic Clean
DETERGENTS & TOILETRIES
Discount Detergent Shop
Triq Filippu Farrugia, Żurrieq (Ħdejn il-Museum tal-Bniet)
Tel: 2164 7070 - Mob: 7720 8974
Għall-Offerti u Sorpriżi mill-Aħjar
• Punti Doppji • Free Deliveries
• Prodotti b'Xejn • Bonus Card
• L-Orħos u l-Aħjar Prezzijiet
email: magic.clean.zurrieq@gmail.com
Magic Clean ..... The Heart of Magic Prices


PHOTOCITY
57 SOUTH STREET VALLETTA
21236723

**Ħjata ta' 2 Sopra Trieħi Bojod Ġodda għall-Altar Mejda**



Is-Sinjura Tessie Magri, volontarjament, ħadet ħsieb il-ħjata ta' żewġ sopra trieħi bojod ġodda għall-altar mejda sabiex dan ma jibqax jitgħatta bil-plastik.

**Ħjata ta' 4 Trieħi Bojod Ġodda bil-Bizzilla tal-Magna**

Dawn it-trieħi (2 Pari: 2 għall-Altar Mejda, 2 għall-Altar Maġġur) ukoll inħadmu bl-inizjattiva tas-Sinjura Tessie Magri, li minn jeddha rregalat ukoll il-bizzilla.

**Tiswija u bdil ta' 4 Trieħi Bojod, dawk tal-Altari tal-Kappelluni**

Is-Sinjura Magri wkoll ħadet ħsieb tirranġa u tibdel fejn kien hemm bżonn l-erba' trieħi l-bojod ta' dawn l-altari.

**Damask Aħdar – Kanipew, Ventartal, Purtiera (Ta' Kuljum)**

Il-Kappillan irregala damask aħdar lill-knisja parrokkjali biex minnu nħietu kanipew, ventartal, u purtiera għat-tabernaklu sabiex jintużaw fiż-żmien liturġiku tal-jiem ta' matul is-sena. Is-Sinjura Magri pprovdiet il-gallun u l-frenza u ħadet ħsieb il-ħjata.

**Inxtraw 2 Venumerali għal waqt il-Barka Ewkaristika**

Is-Sur Josef Mifsud, mid-donazzjonijiet li jingħata, xtara venumeral irrakmat bil-ward ikkulurit bil-għan li jintuża f'xi festi partikolari, filwaqt li mid-ditta 'Serpone' ta' Ruma u Napli nxtara venumeral ieħor, irrakmat bid-deheb fuq lama biex jintuża f'festi speċjali, u jinbidel dak ta' kuljum li żżarrat. Il-prezz ta' dawn jammonta għal €550. Is-Sinjura Magri ħadet ħsieb li tinfurrahom.

**Inħietet il-Purtiera taż-Żjut (Vjola)**

Inħietet mill-ġdid purtiera vjola li tgħatti l-bieb tat-tabernaklu fejn jinżammu ż-żjut imqaddsa, fil-pilastru tal-ġenb lemini tal-altar maġġur.

**Libsa tal-Abbati ta' lewn Aħmar għat-Tifel tal-Priedka**

Għal-lejl tal-Milied iżżanżnet libsa – suttana ħamra u spellizza bil-gallun tal-bizzilla tal-magna – li tintuża mill-abbati li jagħmel il-priedka.

### Irranġar tal-Blandun tal-Għid

Il-Kappillan u s-Sur Ninu Abdilla ħadu ħsieb jirrinovaw il-blandun tal-Għid billi partijiet minnu nżebgħu mill-ġdid, inxtraw pjagi tal-inċens ġodda, u tbiddel il-mod ta' kif ix-xemgħa tal-parti ta' fuq teħel mal-kumplament.

### Rinovar tal-Lampier tal-Kor, ta' kuljum

Dan il-lampier tar-ram ġie arġentat bil-fidda, kif ukoll sarulu xi partijiet bid-deheb. Ix-xogħol sar mit-Taljan, Sandro Braidich, għall-prezz ta' €2,000.

### Tapiti ġodda għall-Ambone

Inxtraw xi twapet ġodda għall-ambone: wieħed għal kuljum u ieħor għall-festa. Wieħed ġie rregalat minn Aladdino Carpet Centre, filwaqt li dak tal-festa ġie rregalat mis-Sinjuri Rita u John Formosa.

## Affarijiet Liturġiċi tal-Festa

### Sopra-Pissidi irrakkmat għall-Festa

Dan id-drapp, li jgħatti l-konteNituri tal-ostji kkonsagrati meta jitqiegħdu fit-tabernaklu, inxtara mid-ditta 'Mancinelli' ta' Ruma u sewa €120.

### Rinovar ta' sett gandlieri antiki u artistiċi għall-artal ta' San Pietru

Dawn se jiżżanżnu għall-Festa ta' San Pawl 2015. Dan is-sett ġie restawrat billi nħadmet l-iskultura nieqsa li kellu mis-Sur Joseph Bugeja mis-Siġġiewi. Għal dan is-sett inħadem ukoll il-Kurċifiss mill-istess Joseph Bugeja. L-arġentatura bil-folji tal-fidda ta' dan is-sett gandlieri ħa ħsiebha s-Sur Joseph Gatt mill-Birgu li diġà ħadem xogħol għall-parroċċa tagħna. Ir-restawr u l-arġentar ta' dan is-sett sewa €3,800. Għal dawn il-gandlieri kollha nħietu covers volontarjament mis-Sinjura Tessie Magri, u s-Sur Josef Mifsud ħa ħsieb il-koordinament u parti sostanzjali mill-ġbir għal dan il-proġett.

## Id-Dar Parrokkjali

### Puġġaman fit-Taraġ

Inħasset il-ħtieġa li jsir puġġaman fit-taraġ kollu tad-Dar Parrokkjali. Il-brackets tal-ħadid metalizzat saru mis-Sur Vincent Cutajar waqt li s-Sur Anthony Abdilla ħa ħsieb ix-xogħol tal-injam, il-lostru, u t-tqegħid.  Ġie jiswa €200.

### Manutenzjoni u tiswija ta' CCTV Security System

Id-Ditta Allsec ta' Ħal Safi stess ġiet imqabbda wkoll biex tieħu ħsieb it-tiswija tas-CCTV Security System fejn inbidlet ukoll camera.  Dan ix-xogħol ġie jiswa €102.


SAFI Pharmacy
San Gwann Street c/w Bieb il-Garra Street, Safi
Tel: 21649552, 79331718
OPEN ALL DAY
Monday to Saturday 8.00am till
7.30pm


ATELIER DEL RESTAURO
CONSERVATION & SCIENTIFIC ANALYSIS OF WORKS OF ART
Museum-quality conservation and restoration of books, manuscripts, watercolours, canvas paintings, panel paintings, wall paintings, gilded frames and polychrome sculptures.
Dott.ssa Maria Grazia Zenzani
Valentina Lupo B. Cons. (Hons)
Simon Dimech B. Cons. (Hons)
Laboratory address:
17, Wesghet Marco Montebello,
Mosta MST 2030
m. 79534777 / 79278777
e. info@atelierdelrestauro.com
f.com/atelierdelrestauromalta
www.atelierdelrestauro.com
During the conservation and restoration of the titular statue of Saint Paul and Pedestal - Safi Parish Church.


GMU
SELF SERVICE
• EST 1988 •
Free Deliveries
Triq ta' Ġawhar, Safi
telephone - 21647100
mobile - 99243635

## L-Uffiċċju Parrokkjali

### Tiswija ta' xi vetrini tal-Arkivju Parrokkjali

Is-Sur Anthony Abdilla, b'mod volontarju, ħa ħsieb xi tiswija li kellhom bżonn xi vetrini fejn jinżamm l-Arkivju Parrokkjali. Biss qed tiġi studjata sistema ġdida ta' vetrini ta' kif dan l-Arkivju, flimkien ma' dokumenti importanti tal-ħidma tal-parroċċa, jkun jista' jinżamm aħjar.

## Iċ-Ċentru Parrokkjali

### Tibjid ta' Kamra

B'apprezzament għall-post li ssellef b'xejn għall-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira, tbajdet kamra mill-grupp taż-Żgħażagħ tal-Armar tal-Każin San Pawl.



## Iċ-Ċimiterju

### Rampa Ġdida

Grazzi għall-Kunsill Lokali inbidlet ir-rampa sabiex tipprovdi aċċessibbiltà aktar faċli għal min juża wheelchair jew siġġu bil-mutur.

### Żbir tas-Siġar

Il-Kunsill Lokali wkoll ħa ħsieb li jinżabru s-siġar kollha, għajr it-tnejn ta' quddiem, li jinsabu fiċ-Ċimiterju.

### Tiswija u bdil tal-bozoz tal-fanali fuq l-Oqbra

Il-Kappillan flimkien mas-Sur Paul Busuttil ħadu ħsieb it-tiswija u l-bdil tal-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra.

### Notice Board

Reġa' twaħħal in-Notice Board bil-ħinjiet tal-ftuħ ma' pilastru tal-intrata.

### Manutenzjoni u tiswija ta' CCTV Security System

Id-Ditta 'Allsec' għal darb'oħra ġiet imqabbda biex tieħu ħsieb il-manutenzjoni u t-tiswija tas-CCTV Security System fejn kellu jinbidel id-DVR u nxtara UPS biex jevita li jerġa' jitħassar b'xi sajjetta. Dan ix-xogħol kollu fiċ-ċimiterju ġie jiswa madwar €800.

**Ara aktar ritratti f'paġni 24 u 25**

## Il-Proġett Prinċipali

### Ir-Restawr ta' San Pawl: L-Istatwa titulari u l-Pedestall

Imma bla dubju li l-akbar proġett ta' manutenzjoni u restawr li bħala parroċċa dħalna għalih din is-sena jikkonsisti fil-konservazzjoni u r-restawr tal-istatwa u l-pedestall tax-xbieha artistika ta' San Pawl. Flimkien mal-Kummissjoni Restawr San Pawl rajna li dan l-intervent għandu jkun fdat f'idejn id-Dott.ssa Maria Grazia Zenzani u Valentina Lupo B. Cons. (Hons), u t-tim tagħhom tal-Atelier del Restauro ibbażat il-Mosta, waqt li l-Monitoraġġ Ambjentali tan-Niċċa ġie fdat f'idejn Michael Formosa M. Cons., B. Cons. (Hons), LCGI ta' Wood Conservation and Science. Waqt li f'Novembru 2014 nbeda monitoraġġ ambjentali tan-niċċa, bejn is-6 u s-7 ta' Jannar 2015, San Pawl, hekk kif skolpit mill-istatwarju Żejtuni, Xandru Farrugia, flimkien mal-pedestall iddisinjat u maħdum minn Emanuel Buhagiar, ġew trasportati lejn il-Mosta biex jinbeda l-intervent ippjanat ta' tindif, konservazzjoni u nduratura, liema intervent se naraw ir-riżultat tiegħu f'dawn il-jiem, u jkollna dokumentazzjoni dettaljata tal-intervent li sar. Ma' dawn sar ukoll tindif u konservazzjoni tal-arġenterija u l-ġojjellerija tal-istatwa: id-dijadema, is-sejf, iċ-ċrieket u s-salib monsinjorili. Dan ħa ħsiebu s-Sur Robert Cassar B. Cons. (Hons). Rajna wkoll li jsir restawr tal-fjuretti u tal-girlanda, kollox tal-ganutell, li jżejnu lil din l-istatwa fil-ġimgħa tal-festa. Dan ix-xogħol sar b'mod volontarju mis-Sinjuri Rita Formosa u Josette Mifsud, li ddokumentaw ukoll il-proċess kollu. Ta' min jgħid li l-ispiża komplessiva hi stmata li se tlaħħaq l-€24,000, liema somma nġabret parti sostanzjali minnha matul din is-sena b'tant ġenerożità u sagrifiċċju.

Kif tistgħu taraw, ix-xogħol ma waqaf xejn u tajjeb niftakru f'xogħol ieħor li jkun għaddej matul is-sena bħalma hu l-ftuħ u l-għeluq tal-knisja, tal-kappella tal-adorazzjoni u taċ-ċimiterju, il-ħasil tal-knisja parrokkjali u tal-knisja ta' Santa Marija, u t-tindif taċ-Ċentru Parrokkjali u ċ-ċimiterju, id-daqq tal-qniepen, l-arranġamenti tal-fjuri, flimkien mal-armar għad-diversi attivitajiet li jsiru. Dawn jirrikjedu mhux biss sagrifiċċju u dedikazzjoni personali, imma kordinament u koperazzjoni kbira mill-partijiet u l-persuni kollha konċernati. M'għandniex fomm biex nirringrazzjaw lil kull min iwettaq din il-ħidma.

Żgur li għad fadal ħafna affarijiet oħra li għad iridu jsiru. Imma bil-ftit il-ftit u bir-rieda tajba ta' kulħadd naslu wkoll. Jalla li bl-interess u r-rieda ta' kull parruċċan, u fuq kollox bl-għajnuna ta' Alla, inkomplu nuru li tassew, id-Dar ta' Alla rriduha tkun l-aħjar dar li għandna fir-raħal tagħna għax hija d-Dar li tirrifletti l-għaqda tagħna mal-Mulej.

**Ara aktar ritratti f'paġni 28 u 29**

**Grazzi ħafna lill-voluntiera u lill-benefatturi kollha li minn qalbhom, ħafna drabi fis-skiet, imma b'ferħ u ġenerożita taw il-ħin, it-talenti, u l-offerti tagħhom.**










INFIRM














# CAR WASH

- Car Servicing
- Wheel Balancing
- Car Accessories
- Crash Helmets
- Puncture Repairs
- Car Batteries
- Oils & Filters
- Mountain Bikes
- Power Tools
- Free Balancing with Alloy Wheels
- Car Batteries with 3 Years Guarantee

*Jawgura l-Festa t-tajba lill-Ħalsafin kollha.*

# TROPICANA
## Snack Bar



*We specialize in*
*fresh home made baugettes,*
*home made beef burgers,*
*chicken fillets, wraps,*
*"ftajjar bit-tiġieġ,biż-żejt,bil-laħam",*
*sweet crepes and much more*
*all at competitive prices.*

**We also do deliveries**

**Opening Hours**
Monday to Friday
from 7.30am till 4pm

Triq il-Kuċċard, Safi
**Mob: 99705066, 79338471**

# Cassar Florist
# & Bargain Shop
(Taz-Zizzu)



*For your: Wedding Flowers,*
*Holy Communion,*
*Head-dresses, Engagement*
*Parties, Funerals, Wedding*
*Invitations, Souvenirs, Tulle*
*& Accessories for all occasions.*

**Triq G. Mattew Callus, Żurrieq**
**Tel. Shop: 2164 0501**
**Mob: 9946 7457, 9989 7385**






WARNING
EGO
VOS
GENUI















# BRIFFA
## International Funeral Services

- Over 70 years of experience
- 24 hour service
- Coffin makers & coffin importers
- Importer of photo ceramics & marble work
- Holy Pictures

(Day) Tel: +356 21237819 (Night) Tel: +356 21237509
Mob: 99492918 Fax: +356 21232785

*Office: 88, Marsa Road, Marsa. - 10 Cannon Road St. Venera*
*Qalb ta' Ġesù, Ghost Str., Hamrun. - 25, Market Street, Tarxien*

Simplifying Life's Most Difficult Decisions

# Rendikont Festa San Pawl 2014

| **Dħul** | |
|---|---|
| Arbural | € 6,190.00 |
| Ġbir fil-Knisja | € 2,517.13 |
| Reklami għall-Fuljett | € 1,508.00 |
| **Donazzjoni minn tliet familji għall-Mużika tal-Festa:** | |
| Tridu | € 600.00 |
| Lejlet | € 300.00 |
| Festa | € 700.00 |
| **Total** | **€ 11,815.13** |

| **Ħruġ** | |
|---|---|
| Servizzi Liturġiċi | € 515.00 |
| Orkestra tat-Tridu | € 660.00 |
| Orkestra Festa | € 1000.00 |
| Festa San Pawl (25 ta' Jannar) | € 325.00 |
| Daqq tal-Qniepen | € 140.00 |
| Elettriku - Bozoz | € 893.00 |
| Elettriku - Konsum, Arloġġi | € 910.31 |
| Elettriku - Maħżen tal-Festa | € 1027.00 |
| Ktieb tal-Festa u Stampar | € 949.90 |
| Donazzjoni lill-Każin tal-Banda San Pawl | € 4,055.00 |
| Sagristan, pedaġġi, trattamenti | € 455.19 |
| Bibien Esterni tal-Knisja: Xkatlar u Verniċ | € 260.00 |
| Xemgħat Impittra: Altar tal-Kor (x12) | € 500.00 |
| **Total** | **€ 11,690.40** |
| **Bilanċ** | **€ 124.73** |

**Ħajr:**
- lil min ta kontribuzzjoni biex kellna festa li tixraq lil San Pawl
- lil Banda San Pawl li tgħin bil-kbir biex tferraħ lill-komunità
- lil dawk li jieħdu ħsieb l-armar u t-tindif tal-knisja u barra, xogħol li jsir volontarjament
- lil dawk li ħadu ħsieb il-ktieb tal-festa
- lil dawk li jikkontribwixxu għall-ktieb tal-festa
- lit-tliet familji, għad-donazzjoni tagħhom għall-mużika tat-tridu u ta' nhar il-festa

**X'nixtieq















 iktar:**
- li ma tħallux l-envelopes id-dar
- li żżidu l-kontribuzzjoni
- benefattur/i ieħor/oħra li jogħġbu/jogħġobhom jħallsilna/iħallsulna l-mużika tal-Festa


Tal-Paradise
CASH & CARRY
Wholesalers of Wines, Spirits and Soft Drinks
Supplier for Gas Cylinders
Hire of Chairs / Tables
PARADISE
WINES & SPIRITS
Find us on: facebook
Tal-Paradise Cash & Carry
20, Triq L-iSkola, Ħal Safi
Tel: 21682125 • Mob: 99269375 • e-mail: paradise_nick@hotmail.com


DIE ECKE SIĠĠIEWI
D.E.S
IMPORTERS & DISTRIBUTORS
Mons. M. Azzopardi Street, SIĠĠIEWI
Tel: 27/21463403
School Street, SAFI
Tel: 27/21641149
E-mail: info@desmalta.com
Website: www.desmalta.com
Find us on: facebook.
DES Malta
15%
30%
25%
20%
10%
Toy
SALE
Open from Monday to Friday from
8.00am till 1.00pm & 4.00pm till 7.00pm
Saturday from 8.00am till 2.00pm
Sunday from 8.00am till 11.30am
WANNA PARTY
COSTUMES & ACCESSORIES
by DES
Daniels Shopping Complex, Hamrun
Contact on: 21233369, 79473870 E-Mail wannapartymalta@gmail.com • www.wannapartymalta.com
Open from Monday to Friday from 8.00am till 1.00pm & 4.00pm till 7.00pm Saturday all day
Balloon decoration
Candy Tables
Specialising in all sorts of party goods:
balloons, party decorations, costumes and accessories all year round


Blue Grotto Avenue, Żurrieq Tel: 2164 1417 • 7764 7217
www.lagattaboutique.com lagatta@onvol.net La Gatta Couture


La Gatta
Apart from the vast selection of dresses for every occasion, La Gatta is also offering made-to-order wedding dresses for brides, as well as bridesmaids and flower girl dresses, and dresses for the mothers of the bride and groom. All dresses are made according to your specific tastes and sizes.

# Ċelebrazzjonijiet tal-Festa f'Ġieħ il-Konverżjoni ta' San Pawl 2015

Id-Djarju tal-Parroċċa — Awwissu 2015

**Il-Ħamis 6 ta' Awwissu** **Festa tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej**

**Il-Ġimgħa 7 ta' Awwissu** **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**

| | |
|---|---|
| Filgħodu | Tqarbin tal-Morda fi djarhom |
| Fis-6:30 pm | Quddiesa |
| Fis-7:00 pm | Adorazzjoni |

**Is-Sibt 15 ta' Awwissu** **Solennità tat-Tlugħ fis-Sema ta' Sidtna Marija**
Il-ħinijiet tal-quddies ikunu bħal dawk ta' nhar ta' Ħadd.

**It-Tnejn 17 ta' Awwissu** **Jum it-Tifkira ta' Ħutna l-Mejtin**

Fis-7:00 pm Quddiesa fiċ-Ċimiterju biex niftakru f'ħutna u qrabatna mejtin.

**It-Tlieta 18 ta' Awwissu** **Jum iż-Żgħażagħ**

Fis-6:30 pm Quddiesa mill-Kappillan Dun David Farrugia, organizzata bis-sehem taż-Ż.A.K., u ż-żgħażagħ li jħobbu l-Festa.

**Il-Ħamis 20 ta' Awwissu** **Nilqgħu lura lil San Pawl**

Fis-6:00 pm Quddiesa quddiem iz-zuntier tal-Knisja ta' Santa Marija fejn ikollna ħin ta' Adorazzjoni u tingħata l-Barka Sagramentali.

Fis-7:00pm Nilqgħu lill-istatwa ta' San Pawl lura fostna wara r-Restawr, fejn is-Salib tad-Dejma, u nakkumpanjawha b'innijiet u talb minn Triq Santa Marija, għal Misraħ il-Knisja, għall-Knisja Parrokkjali bis-sehem tal-Banda San Pawl Safi. Ikun hemm ħruq ta' salut u musketterija.

**Il-Ġimgħa 21 ta' Awwissu**

Fis-6:30 pm Quddiesa

Fis-7:00 pm Logħob għat-tfal kollha tal-parroċċa f'Misraħ il-Knisja, organizzat mill-Kummissjoni Kateketika.

Fit-8:30 pm Lejla Maltija fil-Pjazza, bis-sehem tal-kantanti Glen Vella u Renato Briffa fost oħrajn.

**Is-Sibt 22 ta' Awwissu**

Fis-6:30 pm — Quddiesa għall-erwieħ ta' dawk li mietu fil-parroċċa mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn u għal ħutna mejtin li ħadmu għall-festa.

Fit-8:30 pm — Lejla Maltija fil-Pjazza, fejn se jkun hemm ħafna ikel u xorb u kantanti, fosthom Eleanor Cassar, Jessika, Christabelle, Domenique Azzopardi, Christian Azzopardi, Johanna, u Benny & Tonia.

**Il-Ħadd 23 ta' Awwissu**

Fit-8:15 am — Quddiesa bis-sehem tal-membri tal-Għaqda tan-Nar 'San Pawl', u fiha nitolbu b'mod partikulari għalihom u għall-familji tagħhom biex il-Mulej, bl-interċessjoni ta' San Pawl, iħarishom minn kull periklu tar-ruħ u tal-ġisem matul din il-ġimgħa speċjali tal-festa.

Fl-10:00 am — Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija, u wara ssir il-Preżentazzjoni tat-trabi lill-Appostlu missierna San Pawl.

Fit-8:00 pm — Pasta Night fiċ-Ċentru Parrokkjali b'risq il-festa.

## PROGRAMM SPEĊJALI TAL-ĠIMGĦA TAL-FESTA

**It-Tnejn 24 ta' Awwissu   JUM IL-ĦRUĠ TAL-VARA - Jum it-Tfal**

Fis-6:30 pm — Quddiesa mill-Kappillan Dun David Farrugia, bis-sehem tat-tfal kollha tal-parroċċa, organizzata mill-Kummissjoni Kateketika.

Fis-7:30 pm — Ħruġ fuq iz-zuntier tal-istatwa ta' San Pawl u tislima bl-Innu Popolari. Nappellaw biex inġibu lit-tfal għal din iċ-ċelebrazzjoni apposta għalihom. Tieħu sehem il-Banda San Pawl Safi li ddoqq l-Innijiet u wara tagħmel marċ ferrieħi li jibda mill-pjazza u jinżel għal Triq San Pawl, il-Housing Estate ta' ħdejn iċ-Ċimiterju, Ta' Rqajja', u jitla' minn Triq San Ġwann, imur fil-Housing Estate f'Ta' Amparell, jgħaddi minn Triq Tal-Ajżar, imur għal Triq Ħlantun, Triq Santa Marija, u jintemm fil-pjazza quddiem il-Każin.

**It-Tlieta 25 ta' Awwissu   JUM L-INAWGURAZZJONI U T-TBERIK TAR-RESTAWR TAL-ISTATWA TA' SAN PAWL**

Fis-6:00 pm — Quddiesa

Fis-7:00 pm — Ċelebrazzjoni tal-Inawgurazzjoni tar-Restawr tal-Istatwa u l-Pedestall ta' San Pawl animata mill-kant tal-Kor 'Sine Macula'. Lejn it-tmiem, jiġi inawgurat u mbierek ir-restawr tal-istatwa.

Fit-8.30 pm — Fiera u BBQ fil-pjazza b'risq il-festa.

**L-Erbgħa 26 ta’ Awwissu  L-EWWEL JUM TAT-TRIDU - Jum il-Vokazzjonijiet**

Fid-9:15 am — Quddiesa mill-Kappillan Dun David Farrugia, għall- Anzjani fis-Sala tal-Komunità fil-Kunsill Lokali ta’ Ħal Safi.

Fis-6:30 pm — Quddiesa kantata bis-sehem tas-Sorijiet Dumnikani, Sorijiet u Reliġjużi mill-parroċċa, u l-Abbatini. Imexxi u jagħmel l-omeliji tal-jiem tat-Tridu, il-Kan. Lawrenz Zammit, Kanonku tal-Kolleġġjata ta’ San Pawl Nawfragu, Valletta. Wara l-quddiesa jkun hemm il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta’ San Pawl.

Fit-8.30 pm — Marċ mill-Banda Birżebbuġa, li jibda minn Triq San Ġwann (in-naħa ta’ Ħal Kirkop), idur għal Triq il-Kuċċard, Triq is-Summien, Triq in-Nassaba, Triq it-Tellerit, Triq l-Iskola, Triq il-Menqa u Triq il-Kenn, Triq Ta’ Ġawhar, Triq Dun Karm Vella, Triq il-Kaċċaturi, Triq San Tumas, Trejqet it-Twemmin, Triq Ħlantun, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija u jispiċċa fil-pjazza quddiem il-Każin.

**Il-Ħamis 27 ta’ Awwissu  IT-TIENI JUM TAT-TRIDU - Jum l-Għaqdiet**

Fil-5:00 pm — Qrar.

Fis-6:30 pm — Quddiesa kantata bis-sehem tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, flimkien mal-għaqdiet reliġjużi. Imexxi l-Kan. Lawrenz Zammit, Kanonku tal-Kolleġġjata ta’ San Pawl Nawfragu, Valletta. Wara l-quddiesa jkun hemm il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta’ San Pawl.

Fid-9.00 pm — Il-Banda San Pawl Safi tesegwixxi Programm Vokali u Strumentali fuq il-planċier, fejn fost oħrajn jindaqq u jitkanta l-Innu l-Kbir Is-Sejħa. Jieħdu sehem it-Tenur Vince Farrugia, is-Sopran Marita Bezzina, il-kantanta Cherise Attard u l-Kor Mirabitur.

**Il-Ġimgħa 28 ta’ Awwissu  IT-TIELET JUM TAT-TRIDU - Jum il-Familja**

Filgħodu — Tqarbin tal-Morda fi djarhom.

Fil-5:00 pm — Qrar.

Fis-6:30 pm — Quddiesa kantata bis-sehem ta’ dawk il-koppji li qed jiċċelebraw il-10/20/25/30/40/50 sena Anniversarju taż-Żwieġ tagħhom, u dawk li żżewwġu wara l-festa tas-sena l-oħra biex iġeddu l-wegħdiet taż-żwieġ tagħhom.

*(Dawk li se jiċċelebraw l-Anniversarju tajjeb li jinkitbu fl-Uffiċċju Parrokkjali).*

| | |
|---|---|
| | Imexxi l-Kan. Lawrenz Zammit, Kanonku tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, Valletta. Wara l-quddiesa jkun hemm il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl. |
| Fid-8.45 pm | Marċ mill-Banda San Pawl Safi li takkumpanja l-istatwa ta' San Pawl fuq iż-Żiemel. Il-marċ jibda minn Trejqet it-Twemmin għal Triq San Tumas, Triq Ta' Ġawhar, Triq il-Kenn, Triq il-Menqa, Triq l-Iskola, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq il-Ħajt Ruman, Triq iż-Żurrieq, Triq l-Iskola, Triq In-Nassaba, Triq it-Tellerit, Triq Il-Kuċċard, Triq is-Summien, Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq u jintemm fil-pjazza tal-Knisja fejn l-Istatwa tittella' fuq il-pedistall fost briju kbir. |

**Is-Sibt 29 ta' Awwissu LEJLET IL-FESTA**

| | |
|---|---|
| Fit-8:00 am | Quddiesa mill-Kappillan Dun David Farrugia, li fiha jitkanta l-Innu ta' Ringrazzjament, it-*Te Deum*. |
| Fil-5:00 pm | Qrar |
| Fis-6:15 pm | Translazzjoni tar-Relikwija ta' San Pawl mill-Knisja ta' Santa Marija għall-Knisja Parrokkjali fejn isir il-Kant tal-Innu tal-Appostlu u tal-Antifona ta' San Pawl. Wara jsir il-kant tal-Għasar Solenni u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Imexxi l-Kan. Louis Suban, Kanonku Arċipriet tal-Kolleġġjata ta' San Pawl, Rabat. |
| Fis-7:30 pm | Quddiesa ppreseduta mill-Arċipriet, Kan. Louis Suban, stess. |
| Fit-8.30 pm | Marċ mill-Banda San Pawl, Ħal Safi, li jgħaddi minn Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq iż-Żurrieq, u wara jkun esegwit programm mill-istess banda fuq il-planċier. |
| Fil-11.30 pm | Wirja ta' logħob tan-Nar tal-Art artistiku u mekkanizzat fil-bypass ta' wara l-knisja. |

**Il-Ħadd 30 ta' Awwissu JUM IL-FESTA**

| | |
|---|---|
| Fis-6:30 am | Quddiesa. |
| Fit-7:45 am | Quddiesa. |
| Fid-9:00 am | Quddiesa Solenni kkonċelebrata ta' Jum il-Festa mmexxija minn Mons. Vinċenz Deguara, Kanonku regolari tal-Kapitlu tal-Katidral ta' Malta. Jinseġ il-Paniġierku l-Kan. Joe Cilia, Kappillan ta' Ħal Lija, u ex-Kappillan f'din il-Parroċċa (2006-2011). |

| | |
|---|---|
| Fil-11.00 am | Jibda l-Marċ ta' Filgħodu mill-Banda San Pawl, Ħal Safi. Jgħaddi minn Triq San Pawl, Triq San Ġwann, Triq San Ġorġ, Triq Ħlantun, Trejqet it-Twemmin, Triq San Tumas, Triq Qerd in-Naħal, Triq Mikielanġ Busuttil, Triq il-Biedja, Triq l-Iskola, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq iż-Żurrieq, u fl-aħħar jintemm fil-Pjazza tal-Knisja. |
| Fis-6:00 pm | Quddiesa qabel il-purċissjoni,<br>iċċelebrata mill-Kappillan Dun David Farrugia. |
| Fis-6.30 pm | Il-Banda Birżebbuġa tagħmel marċ li jibda minn Triq iż-Żurrieq u jkompli minn Triq San Pawl għal Triq San Ġużepp, Triq Santa Marija, u jispiċċa fil-Pjazza tal-Knisja. |
| Fis-7:15 pm | Tibda l-Purċissjoni bl-istatwa titulari tal-Appostlu Missierna San Pawl. Imexxi l-Kan. Louis Suban, Kanonku Arċipriet tal-Kolleġġjata ta' San Pawl, Rabat. Mal-ħruġ tal-purċissjoni jindaqqu l-Innijiet, u jinħarqu musketterija, salut u kaxxa infernali. Il-Kor Mirabitur jakkumpanja lill-Banda Birżebbuġa waqt l-Innijiet. Il-Banda Vittorja tan-Naxxar takkumpanja l-Purċissjoni, u l-Banda Birżebbuġa tagħmel programm mużikali fuq il-planċier fil-Pjazza tal-Knisja. |
| Fl-10.00 pm | Jindaqqu l-Innijiet ta' San Pawl mill-Banda Birżebbuġa akkumpanjata mill-Kor Mirabitur taħt it-tmexxija ta' Simone Attard. |
| Fl-10:30 pm | Ninġabru fuq iz-zuntier, tinħaraq il-kaxxa infernali, u nilqgħu l-istatwa ta' San Pawl lura fil-knisja. Fid-dħul tagħha, titkanta l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali. Iċ-Ċelebrazzjonijiet jintemmu bl-Innu ta' San Pawl u bil-bews tar-Relikwa. |
| Fil-11.00 pm | Isir il-Marċ tan-Nar mill-Banda San Pawl ta' Ħal Safi li jibda minn Triq iż-Żurrieq, jakkumpanja l-istatwa ta' San Pawl Fuq iż-Żiemel li titniżżel minn fuq il-pedistall u tittieħed lejn il-maħżen, imbagħad jintemm fil-Pjazza tal-Knisja. |

**Ġewwa l-Knisja Parrokkjali:**

| | |
|---|---|
| **Fil-jiem tat-Tridu:** | Il-Mużika u l-Kor 'Sine Macula'<br>jkunu taħt id-direzzjoni ta' Mro Tony Pace. |
| **Lejlet u nhar il-Festa:** | Tindaqq il-mużika tas-Surmast Paolo Nani.<br>Il-Mużika u l-Kor ikunu taħt id-direzzjoni<br>ta' Mro Dr Joseph Gatt. |

ESTABLISHED 1919

# Peppi's

PIZZA - PASTA - GRILL

Sliema Seafront, Tower Road, Sliema

**BOOKINGS FOR ALL OCCASIONS**

**STAFF LUNCH/DINNER ARE ACCEPTED**

**AT SPECIAL PRICES**

**CALL NOW 2133 5621 - 7777 0517**

*Sliema Seafront, Tower Road, Sliema*

# RAYMOND ABDILLA

## EXPORTER & IMPORTER

## SEED AND WARE POTATOES

*Qed naċċettaw ordnijiet għal dawn il-varjetajiet:*

**Arinda** – Patata Bikrija li tinżera' f'Ottubru
**Aladin** – Ta' qoxra ħamra
**Diamant** – Ta' qatgħa safra
**Santè** – *(għall-esportazzjoni - bikrija)*
**Destiny** – *(għall-esportazzjoni - bikrija)*
**Alpha** – *(għall-esportazzjoni)*
**Agria** – *(għall-esportazzjoni)*
**Marfona** – *(għall-esportazzjoni)*
**Picasso** – *(għall-esportazzjoni)*
**Arizona** – *(għall-esportazzjoni)*




**Fertilizer ta' l-aqwa kwalità...**
**(blu) 12+12+17+2+7 • (isfar) 27%**
**(abjad) 21% • organic (pellets)**

"Le Nid", Triq il-Kuċċard, Safi SFI 1615
Tel: 21436594 (Grading Station)
Mob: Raymond - 9949 7980,
Malcolm - 9944 9553, Joanna - 9983 0176
E-mail: potatograding@waldonet.net.mt

AGRICO

# San Pawl u dak l-imbierek Żiemel: Iż-Żiemel fl-Ikonografija tal-Ġrajja tal-Konverżjoni

*Dun David Farrugia*

*Jekk naħsbu fil-konverżjoni ta' San Pawl – ġrajja li l-liturġija Nisranija tiċċelebra bil-kbir fil-25 ta' Jannar – quddiem għajnejna normalment naraw lil San Pawl li jaqa' minn fuq iż-żiemel. Iżda jekk niflu tajjeb il-Kotba Mqaddsa, dawn jgħidu biss li l-qaddis "waqa' fl-art" matul il-vjaġġ u ma jitkellmux minn rikkieb. Għaldaqstant, wieħed isaqsi: 'Għaliex ġie miżjud iż-żiemel fir-raffigurazzjoni tal-konverżjoni ta' San Pawl Appostlu?' Hu sinjal żejjed jew espressiv? Għalhekk ejja naraw kif u għaliex it-tradizzjoni artistika, speċjalment dik medjevali, introduċiet dan il-kunċett u ppreżentatu bħala l-mudell ikonografiku.*

Fil-kitba tal-Atti tal-Appostli, nistgħu ninnutaw sew li l-ġrajja tal-laqgħa ta' San Pawl, fit-triq ta' Damasku, mal-Mulej Irxoxt tiġi rrakkontata tliet darbiet. L-episodju hu magħruf sew: waqt li kien fi triqtu lejn Damasku, fejn kien sejjer biex iġib il-permessi mis-sinagoga ħalli jkun jista' jarresta lill-Insara, Sawlu ta' Tarsu safa mogħmi minn dawl li deher f'salt mis-sema u waqa' fl-art. Il-leħen ta' Alla, li semgħuh ukoll is-suldati li kienu miegħu, qallu: *«Sawl, Sawl, għaliex qiegħed tippersegwitani?»* Sawl qam mill-art, imma kien tilef id-dawl. Kellu jerġa' jiksbu xi jiem wara bis-saħħa ta' Ananija. Biss fl-ebda rakkont ma jissemma żiemel b'mod dirett, għalkemm dan ma jiġix eskluż mill-ewwel: l-Atti jitkellmu aktar minn Pawlu li *"huwa u sejjer, kif qorob lejn Damasku ..."* (Atti 9, 3 u, kif hu stess jirrakkonta, Atti 22, 6 u 26, 13).

Biss l-għażla li dan l-episodju jkun irrappreżentat minn waqgħa minn fuq żiemel, għalkemm bħal donnha vvintata jew dedotta, fil-verità hi pjuttost waħda loġika: Pawlu kien fuq vjaġġ, u wisq probabbli dan ma kienx qed iwettqu bil-mixi biss. Dan ir-raġunament wassal lill-artisti u l-pitturi tas-sekli bikrija biex jintroduċu r-rikkieb fuq iż-żiemel, li minn dak iż-żmien impona ruħu bħala l-mudell ikonografiku tal-ġrajja Pawlina, fejn xi drabi l-konverżjoni hi murija bħala ġrajja ta' natura riflessiva u spiritwali – fejn f'dan il-każ il-qaddis lanqas biss jaqa' imma jiġi muri pjuttost bħal donnu sturdut[1] jew imdawwal[2] fuq iż-żiemel – u drabi oħra tidher bħala ġrajja aktar drammatika – fejn ir-rikkieb litteralment jidher qed jiġi mtajjar.[3]

1 Ara Stampa 1: Minjatura meħuda minn Bibbja, 1290-1300 - Koninklijke Bibliotheek, L'Aia; u Stampa 2: Minjatura meħuda mil-Leġġenda Aurea, 1470, British Library.

2 Ara Stampa 3: Missal Franġiskan, nofs tas-seklu XIV, Bodleian Library.

3 Ara Stampa 4: Minjatura meħuda minn Bibbja, seklu XIII, BM, Amiens; u Stampa 5: Minjatura meħuda mis-Salterju tar-Reġina Marija, 1310-1320, British Library; u Stampa 6: Minjatura meħuda minn Bibbja, seklu XVI, BM, Valenciennes.




L-artisti medjevali, u mhux biss, raw li fir-rappreżentazzjoni taż-żiemel minsuġ mal-ġrajja ta' Pawlu minn Tarsu hemm simboliżmu qawwi li ma jbegħidx lil dak li jkun mis-sens tat-test Bibbliku, imma pjuttost jgħin biex wieħed ikollu għarfien aktar profond. L-ewwelnett tajjeb ngħidu li l-pittura u l-iskultura kienu spiss jinqdew biż-żiemel biex juru poter qawwi, il-kobor ta' xi persunaġġ, l-istatura morali jew xi binja ta' awtorità. Min jirkbu u jħares mill-għoli lejn il-bnedmin l-oħra, kien juri b'dan il-mod is-superjorità tiegħu. L-arti ħadet dan is-simbolu u esprimietu f'diversi raffigurazzjonijiet. Fost dawn insibu lil Marco Aurelio fil-pjazza tal-Campidoglio f'Ruma; Guidoriccio da Fogliano ta' Simone Martini; il-monumenti f'Santa Maria del Fiore ġo Firenze, ta' Niccolò minn Tolentino hekk kif muri minn Andrea del Castagno, u Sir John Hawkwood ta' Paolo Uccello. Il-pitturi ta' Diego Velàzquez, fosthom dik tal-Konti-Duka ta' Olivares[4] u r-ritratt tal-Imperatur Filippu III, ukoll jixhdu dan. Il-Gallarija Nazzjonali ta' Palazzo Spinola f'Ġenova saħansitra turi b'mod ċar din ir-rilevanza simbolika billi tpoġġi

4 Ara Stampa 7: Diego Velázquez, Ritratt tal-Konti-Duka ta' Olivares fuq iż-żiemel, 1634, Museo del Prado, Madrid.

5



6



7



8



9



wieħed ħdejn l-ieħor żewġ pitturi straordinarji: dik ta' ġentlom, Giovanni Carlo Doria, minn Ġenova, fuq żiemel, impittra minn Peter Paul Rubens (1616)[5] u l-Konverżjoni ta' San Pawl, probabilment magħmula fl-1649 minn Valerio Castello.

Imma hemm ukoll spjegazzjoni oħra. Skont drawwa medjevali, id-dnub kapitali tas-suppervja kien jiġi rappreżentat bħala kavallier li jiġi maqlub mal-art[6]: tradizzjoni viżiva li kienet tiġi applikata perfettament għall-ġrajja ta' San Pawl. Infatti, bosta darbi, hu jidher mhux sempliċiment bħala wieħed li waqa' fl-art, imma bħala bniedem mitfugħ u maqlub minn fuq iż-żiemel, minn fuq kull qawwa, minn fuq is-suppervja tiegħu, minn fuq kull awto-suffiċjenza. Hu, imċekken, bħal donnu frak mal-art, dak li tant kien imkabbar u marbut mal-Liġi u mal-illużjoni li

5 Ara Stampa 8: Peter Paul Rubens, Giovanni Carlo Doria fuq iż-żiemel, 1616, Galleria Nazionale della Liguria, Genova.

6 Ara Stampa 9: Framment mill-Gradwal tal-1440-50, Getty Museum.


KULL M'GĦANDU BŻONN
L-Induratur
DEHEB TA' L-INDURATURA, SILVER LEAF, ALUMINIUM LEAF FLIMKIEN MA' DIVERSI GĦODDA U PRODOTTI OĦRA RELATATI MA' DAN IX-XOGĦOL ARTISTIKU KIF UKOLL GĦAR-RESTAWR.
EST 1923
E. THEUMA & COMPANY LTD.
"Theuma House", 302, St. Paul Street,
Valletta VLT 1213, MALTA
Tel +356 21 236605 / 21 234075 Fax: +356 21 244201
info@etheuma.com www.etheuma.com


The Fruit Tree
35, Triq il-Bronja, Zurrieq Tel: 21647657 Mob:79926196
Prop. Joseph Scerri
Daily Fresh Fruit
& Vegetables
Opening Hours
Mon & Thur
7.15am - 7.00pm
Tue & Fri
7.15am - 12.00pm
4.00pm - 7.00pm
Wed
7.15am - 12.00pm
Sat
7.15am - 1.00pm

10



11



12



13



l-bniedem għandu l-qawwa li biha jista' jsalva bil-ħila tiegħu stess, issa jrid jibda jitgħallem li l-bniedem xejn ma jista' mingħajr il-grazzja ta' Kristu, imma jenħtieġ jirċievi s-salvazzjoni, mingħajr l-ebda mertu. Irid jilqagħha bħala realtà li ma tibdiex minnu; irid jirċievi l-imħabba biex imbagħad ikun jista' jgħix biha u fiha. Xhieda ta' dan huma numru ta' minjaturi f'manuskritti, kif ukoll pitturi li saru aktar tard, fosthom dawk impittra mill-Caravaggio.[7]

Iżda minkejja li ż-żiemel sar sinonimu mal-ikonografija tal-konverżjoni ta' Sawlu, ma naqasx li artisti oħrajn għażlu li juru attenzjoni għall-korrettezza filoloġika. Infatti, dan jixhduh ukoll żewġ minjaturi li juru l-waqgħa tal-appostlu bħallikieku dan kien ħassu ħażin, u fejn iż-żiemel mhux preżenti.[8]

7 Ara Stampa 10: Michelangelo Merisi da Caravaggio, Il-Konverżjoni ta' San Pawl, l-ewwel verżjoni għall-Kappella Cerasi, issa fil-kollezzjoni Odesalchi,1600-1601; u Stampa 11: Michelangelo Merisi da Caravaggio, Il-Konverżjoni ta' San Pawl, 1600-1601, Cappella Cerasi f'Santa Maria del Popolo, Ruma.

8 Ara Stampa 12: Minjatura meħuda minn Bibbja, c.1430, Koninklijke Bibliotheek, L'Aia; u Stampa 13: Minjatura meħuda mill-'Bibbja ta' Karlu l-Fartas', seklu IX, BnF, Pariġi.



The Convenience Shop
100% MALTESE
FRESHLY baked Bread daily
CIABATTA OLIVE
CIABATTA WITH SUNDRIED TOMATOS
CIABATTA SEMOLA
CIABATTA WHITE
CIABATTA BROWN
DEMI BAGUETTE
ONION BAGUETTE LARGE
ONION BAGUETTE SMALL
RANGE OF CHEESE
RANGE OF HAM
MILK
CONFECTIONERY
THE CONVENIENCE SHOPS, MALTA

Meta nitgħallmu naqraw l-ikonografija tal-konverżjoni ta' San Pawl b'dan il-mod, allura nistgħu ngħidu li tassew hija espressjoni qawwija tal-verità spiritwali li l-grazzja ta' Alla taħdem fil-bniedem u ġġeddu, filwaqt li tistedinna nemmnu u nintelqu f'idejH.

**Bibbliografija**:


LONARDO Andrea, *Il cavallo nell'iconografia della conversione di san Paolo apostolo: segno superfluo o espressivo?*, (online): http://www.gliscritti.it/arte_fede/conversione_paolo/conversione_paolo.htm [10 July 2014].

Foliamagazine, *La Conversione di san Paolo e il Mistero del Cavallo*, (online): http://www.foliamagazine.it/conversione-di-san-paolo/ [20 May 2015].




# "Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn!"

*Simon Azzopardi*



Il-kwotazzjoni mill-Evanġelju tal-esklamazzjoni li jġib l-istess l-isem ta' dan artiklu, qalha San Pietru meta ra dik id-dehra sabiħa ta' Ġesù trasfigurat, jiddi bħax-xemx, fuq il-Muntanja Tabor: "**Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn!**" (Mk 9, 5). Din l-istess esklamazzjoni għednieha jiena u sħabi bħal-lum sena meta konna qegħdin ngħixu esperjenza missjunarja flimkien, ġewwa l-pajjiż sabiħ tal-Perù.

Iżda qabilna, San Ġorġ Preca kien ukoll espressament ta tifsira lill-kelmiet M.U.S.E.U.M: "**Mgħallem, mhux li kien li d-dinja kollha timxi wara l-Evanġelju tiegħek!**" Xewqa ta' bniedem li qed turi ħafna frott kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, permezz tas-Soċjetà tal-Museum.

U l-Perù huwa dak il-pajjiż ixxurtjajt, fost tmien pajjiżi oħra, li qegħdin igawdu minn din il-kariżma museumina u b'għajnejja stajt nara kemm għatx għandhom dawn in-nies, mhux għall-ilma li nixorbu kuljum, iżda għall-imħabba kbira li għandhom għall-istess imgħallem li San Ġorġ Preca xtaq li jkun magħruf u maħbub mad-dinja kollha.

L-impenn tagħna matul dawk it-tliet ġimgħat fil-Perù kien primarjament mat-tfal u żgħażagħ bniet u subien, u kif ukoll ma' nies adulti li sabu xortihom permezz tal-Museum, li jinsab fir-raħal ta' Julio C. Tello f'Lurin, fil-provinċja tal-belt kapitali Lima. Kemm jekk tbissima, kemm jekk xi ġest jew xi mossa, kemm jekk b'xi kelma sempliċi bl-Ingliż u anke bl-isforz tagħhom biex jippruvaw jifhmu xi kelma imkissra bl-Ispanjol li kienet toħroġ minn fommna; dawn kollha stajna ninnutawhom fost il-poplu Peruvjan li laqagħna b'imħabba liema bħalha.

Il-kuntatt tagħna mat-tfal u l-adoloxxenti bniet u subien Peruvjani kien l-aktar li jispikka matul l-esperjenza tagħna fil-Perù. Ippreparajna lezzjonjiet interessanti



għat-tfal u għall-adoloxxenti li jattendu l-istess Museum, organizzajna logħob ferrieħi għall-istess tfal u żgħażagħ, u kif ukoll ippreparajnielhom xi krafts li matulhom stajna ninnutaw li għax-xogħol tal-idejn huma ħafna kreattivi u kapaċi. Xi ħarġiet fil-kampanja flimkien mat-tfal u ż-żgħażagħ u l-membri Maltin t'hemmhekk ma naqsux, fejn stajna

PINKISHLINE
1990 - 2015
25 years of dedication

# Thank You

Pinkish Line is proud to support and will commit to keep contributing to the local voluntary organizations.

Roderick Cachia
Director

Pinkish Line House
Pietru Xuereb Street, G'Mangia - PTA1501

+356 99766212 / +356 27677212

info@pinkishline.com
www.pinkishline.com
www.facebook.com/Pinkishline

pasteur
PHARMACY

a: Triq it-Tellerit, Safi. SFI 1621
e: pasteur@onvol.net | t: 21/27689944

opening hours:
8.00am to 1.00pm | 4.00pm to 8.00pm





V. Spiteri

VSS

& Sons Ent. Ltd.







**TRANSPORT SERVICE:** Fully Air Conditioned Vehicles

- Open Top Buses
- Coaches
- Midi Coaches
- Super Low Floor Buses - accessible for disabled & elderly people
- Mini Buses ...

  seating capacity up to 74 seats

Importers of VOLVO Bus & Truck – Parts & Diagnostic
HISPACOLD Air Conditions
IRIZAR Coaches
BOCK Compressors

29, 'Gratiae Plena',
Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra
Luqa LQA 1011
Tel: 2182 0749 Mob: 9946 4405
Email: info@vss.com.mt

nammiraw is-sbuħija naturali ta' dan il-pajjiż. Kif konna hemm, ma naqasx li nsiru midħla tal-kultura tal-pajjiż, kemm storikament u kif ukoll fejn jidħol l-ikel u x-xorb tradizzjonali. Fi ftit kliem, kienet esperjenza fejn tajna u rċevejna ħafna lura.

Matulha, din l-esperjenza, lili u lil sħabi ġagħlitna ninnutaw wkoll kif dawn in-nies ta' kultura differenti minn tagħna jirrelataw ma' xulxin. Dak il-ferħ u l-entużjażmu li juru meta jiltaqgħu flimkien u kemm japprezzaw il-mument li jkunu flimkien, fejn jaraw verament lil Alla preżenti fil-proxxmu tagħhom. Jekk Malta tara ħafna ġlied bejn it-tfal, u anke bejn il-kbar, matul dawk it-tliet ġimgħat stajna ninnutawha kemm



l-imħabba bejniethom kienet tirrenja fl-imġiba tagħhom. Qatt ma rajna xi tifel jew tifla j/tiġġieled bil-fomm jew bl-idejn. Qatt ma rajna xi mara jew raġel jilletikaw bejniethom fuq xi ħaġa. Iżda rajna mħabba fraterna li jimpurtaha mhux minnha nnifisha, iżda mill-oħrajn. Ma rajniex faqar estrem, iżda rajna nies japprezzaw il-ħajja, hi kif inhi. Ma rajniex nies qed imutu bil-ġuħ jew bil-għatx, iżda rajna nies bil-ġuħ u l-għatx għat-tagħlim it-tajjeb.

It-tfal subien u bniet mimlijin enerġija, il-kandidati subien u bniet kollhom entużjażmu għat-tixrid tal-kelma ta' Alla bil-fomm u bl-eżempju, in-nies adulti Peruvjani fosthom ġenituri msieħba fil-grupp *Jorge Preca* għatxana li jkunu jafu iktar fuq il-Fundatur u kif jistgħu jgħixu l-ispiritwalità ta' San Ġorġ Preca f'ħajjithom, is-soċji żgħażagħ Peruvjani u t-tliet membri Maltin mimlijin ferħ u paċi, konsegwenza tal-għajxien tal-vokazzjoni Museumina li qed iħaddnu, in-nies li jgħixu qalb il-muntanji f'ħajja vera sempliċi u fqira; dawn il-kategoriji kollha ta' nies differenti li ltqajna magħhom il-Perú u għexna magħhom, għamlu din l-esperjenza għalija waħda memorabbli li se tibqa' mnaqqxa f'qalbi.

Għal dan kollu, nirringrazzja lil Alla li kien qed jikkoordina u jmexxi din l-esperjenza mill-bidu sal-aħħar u li ltqajna miegħU fit-tfal u n-nies Peruvjani.



La Paz este contigo
(Il-Paċi miegħek)
u l-Festa t-Tajba
lill-Ħalsafin kollha.

# St. Paul's Dental Clinic

Dolmen Street, Safi

Tel: 27560272 Mob: 79092400



A new, state of the art dental practice offering high quality dental care for you and all your family. Apart from offering the latest cosmetic dental techniques and solutions we are proud to offer you everyday dental treatments in a relaxed and caring environment.



# Meta taqsam ma' ħaddieħor, il-Mulej jipprovdi iżjed ...

## Esperjenza ta' Volontarjat fil-Perù

*Pawlina Zammit*

Meta ġejt lura mill-ewwel esperjenza tiegħi f'Alta Cayma qrib Arequipa fil-Perù, sentejn u nofs ilu, kont mingħalija li naf ħafna fuq il-missjoni tal-grupp Missjunarji Maltin tal-għaqda ta' San Pawl (M.S.S.P.), iżda wara din it-tieni espejerjenza tiegħi din is-sena, indunajt li kont naf biss ftit mill-ħidma kbira u bla waqfien ta' dawn ħutna Maltin, li ħallew lill-familji tagħhom u lil art twelidhom biex imorru ħafna 'l bogħod biex jgħinu lil eluf kbar ta' foqra, li jgħixu f'kundizzjonijiet li ħafna Maltin ma jistgħux jimmaġinaw, jiftħu djar għat-tfal abbandunati u maħqurin u jibnu knejjes u ċentri, fejn fi Kristu jingħaqdu mhux biss fil-bżonnijiet spiritwali, iżda wkoll f'dawk materjali.

Il-vjaġġ, minn Madrid sakemm messejt l-art ġo Arequipa, ħadli 42 siegħa. Kien twil wisq, bejn *transit* ġol-ajruporti u ħsara fl-ajruplan, tlift it-titjira li kien imissni, u mbagħad dewmien minħabba l-maltemp. Wasalt għajjiena ħafna, iżda meta sibt lil Fr Alex, missjunarju tal-M.S.S.P. Malta, jistennieni fis-sala tal-ajruport, bi tbissima fuq wiċċu, insejt l-għeja kollha. Id-differenza tal-ħin minn Malta hi ta' sitt siegħat u dak ikompli jżid mal-istress tal-vjaġġ.

Mill-għada fil-għodu bdiet il-ħidma tiegħi fid-dar tat-tfal. F'sentejn u nofs kien hemm xi tibdil fit-tfal. Dawk li għalqu t-tmintax-il sena kienu telqu, ġew oħrajn ġodda, iżda dawk li kienu hemm qabel u għadhom hemm, kif rawni u għarfuni ġew jiġru fuqi u l-ferħ flimkien mat-tgħanniq u l-bews ma setgħux jispiċċaw. Ix-xogħol fid-dar fejn jinsabu ħafna tfal ta' kull età (l-età tvarja minn 11-il xahar sa sbatax-il sena), ta' kull sess, minn familji differenti, bi problemi differenti, koroh, tal-biża' u kultant ma jitwemmnux, huwa xogħol bla waqfien, li jirrikjedi mhux biss ħidma manwali, iżda wkoll, ħafna paċenzja, tolleranza, perseveranza u fuq kollox ħafna mħabba. Ir-rigal hu l-ħarsa ta' għajnejhom u t-tbissima fuq wiċċhom, u kuljum tħobbhom iżjed.

Ix-xogħol fid-dar hu ħafna u varjat. Trid tmidd idejk għal li jkun hemm bżonn, u tkun flessibbli. Sintendi, kont dejjem insaqsi lil Fr Alex (meta kien ikolli x-xorti li nkellmu, għax għandu wisq xogħol) jekk jixtieqx li nagħmel xi ħaġa partikulari, imbagħad nieħu l-inizjattiva jien. Kull nhar ta' Sibt nieħu żewġt itfal u mmur is-suq biex nixtri l-laħam u dak li jkolli bżonn biex insajjar l-ikla tal-Ħadd. Ħadd insajjar mas-subien, u Ħadd mal-bniet. Is-Sibt wara nofsinhar nipprepara d-deżerta biex insibha lesta.

EURO Caterers

**Sales and Contract Hire of Slush Machines.**

Testaferrata Street, Żurrieq
Tel/Fax: (00356) 2164 2647
E-mail: tempOO@nextgen.net.mt
Contact Person: Mario Attard



It-tisjir isir kollu bl-imħabba flimkien. Minn ġimgħa qabel jibdew isaqsuni x'se nsajjar il-Ħadd li jmiss, u jien biex ninkihom ngħidilhom … Sorpriża! Waqt it-tisjir ma jonqsux il-mużika, il-kant, xi żifna fil-kċina u t-tħabbit tal-għotjien tal-borom. Insomma, hawn mhux borom hawn iżda galdaruni, allura l-għotjien qishom il-platti tal-banda. Kif iddawwar wiċċek biex tagħmel xi ħaġa oħra, issib li għamlu xi froġa. Meta darba kont qiegħda nipprepara s-soppa għal filgħaxija kont għadni qed nitfa' l-ħaxix u kien għad jonqos x'nitfa', insib li wieħed mit-tfal diġà kien tefa' żewġ kilos għaġin fil-borma tas-soppa. Tistgħu taħsbu kif sar dak l-għaġin sakemm kienet lesta s-soppa! Kollox kielu, m'hemmx fsied, anzi, jieklu ħafna, għax jiskantawni kemm jieklu, u għall-grazzja ta' Alla, il-providenza ma tonqosx. M'hemmx għajat, tieħu kollox biċ-ċajt. In-nuqqasijiet li f'Malta jinnervjawni, hawnhekk jittieħdu kollha biċ-ċajt, u l-ferħ jikber. L-importanti hu li toħloq tbissima.

## L-Esperjenza li mmur inqassam l-ikel lill-fqar fil-muntanji

Id-dar tal-voluntieri fejn noqgħod jien, tagħmel parti minn kumpless kbir. Fuq in-naħa tat-triq hemm il-knisja, xejn lussu kif nafu aħna l-Maltin. Siġġijiet tal-plastik, mejda artal bi tvalja fuqha, statwa żgħira tal-Kunċizzjoni fuq ix-xellug u Salib fuq il-lemin. Is-Sagrament qiegħed inkorporat ġo forma ta' skultura tal-Madonna u t-tfajjel Ġesù. Mhux tal-bronż, iżda ta' materjal inferjuri. Kuljum, fis-sitta ta' filgħodu, wara li nitfi d-dawl li jdawwal il-kumpless kollu, kont nidħol għal ftit ħin ħdejn Ġesù Sagramentat, fis-skiet u fil-paċi qalb il-muntanji.

Fuq in-naha tax-xellug tal-knisja, hemm kċina kbira, li fiha jiġu tliet nisa, ħames darbiet fil-ġimgħa, biex isajru għal mijiet ta' familji li jgħixu fil-muntanji. Dan l-ikel imbagħad jitpoġġa fil-bramel u jittieħed permezz ta' vann, f'sitt postijiet differenti fil-muntanji, fejn imbagħad jitqassam lill-foqra. Kelli x-xorti li mmur




MOVIE LAND
66, TRIQ MATTEOLO SALIBA, ZURRIEQ
TEL: 27642460
E-MAIL: KKCAMILLERI@GMAIL.COM
Smart & Mobile Phones
iPhone 5
Samsung GALAXY S IV
Katakombi tax-Xarolla
Merhba Xarolla
Mithna tax-Xarolla
Xarolla
Triq il-Bronja
Triq Vince Dimech
MOVIE LAND
©2013 Google
Map data ©2013 Google
TV's - 2 YEARS FULL WARRANTY - All sizes - GREAT PRICES!!!
PHILIPS
Hisense
Panasonic
ATRON
Blu-ray 3D
DVD & BLU-RAY Rentals
• Attractive prices, GREAT SELECTION
Photocopy Service
• Unbeatable quality - Full Colour, B&W
• Print from digital media - CD/USB/MMC
Repair Centre
• WARRANTY issued on most repairs
Mobile Phones
• Latest models, accessories, repairs
DVB-T receivers for Digital Freeview
DVD Players
Computer Accessories
BLU-RAY Players
• Stand & Desk fans
• High Velocity fans
• With or without remote
• Silent motor
Tablets
Cordless Phones

u nesperjenza dan kollu. Mort max-xufier bil-vann. Il-menù varjat. F'kull post niżżilna erba' bramel, wieħed bis-soppa, ieħor bir-ross imħawwar, ieħor bl-insalata u l-ieħor bid-deżerta. It-toroq ġol-muntanji mħarbtin ħafna, u kellna naqsmu wkoll xi rdumijiet. Fil-maltemp, fix-xita u fiċ-ċpar, problema kbira biex jitwassal l-ikel. F'kull post fejn jitqassam l-ikel hemm daqsxejn ta' kamra tal-ġebel u saqaf tal-pjanċi, mibnija mill-missjunarji Maltin u ġo fiha jitpoġġa l-ikel u n-nies jibdew ġejjin, kollha bil-bwieqi biex jieħdu l-ikel. Barra dawn is-sitt waqfiet, kien hemm żewġ waqfiet oħra. Waħda għand mara li ma timxix u oħra għand raġel xiħ jgħix waħdu. Imbagħad erġajna lura biex niġbru l-bramel vojta, ħalli jerġgħu jimtlew il-għada.

## Il-Quddiesa fil-muntanji

Kull nhar ta' Ħadd filgħodu kmieni, immur ma' Fr Alex biex iqaddes lill-fqar li jgħixu fil-muntanji. Sintendi, kellu jixtri *land rover* għax it-toroq imħarbtin ħafna, ħofor u kanali bix-xita u għaqqux kull fejn tħares. Kif jilmħu l-*land rover* ġejja, wieħed raġel jibda jdoqq tip ta' ħorn b'batterija biex iwassal il-messaġġ li l-*padre* wasal, u biex jiġu għall-quddiesa. Hekk jindaqqu l-qniepen għall-quddies hawn. Waqt il-quddiesa, il-klieb jagħmlu parti mill-kongregazzjoni u tgħidx kemm joqogħdu kwieti waqt l-omelija, iżda kif inqumu għall-kredu, iqumu jduru mal-knisja. Kollox jibqa' għaddej normali. Wara l-quddiesa, Fr Alex ibierek lill-kongregazzjoni. Hawnhekk m'hawnx asperġes tal-fidda, iżda l-ilma mbierek jinxteħet ġo flixkun tal-plastik żgħir tal-ilma. Ninnota dejjem ir-rispett kbir tan-nies lejn il-*padre*. Il-knisja ma sservix biss għal skop spiritwali u ċelebrazzjonijiet liturġiċi, iżda hija ċentru ta' ġabra tan-nies li jiġu mill-bogħod biex jitgħallmu, għal-laqgħat, u biex jiddiskutu l-problemi tagħhom.

Din id-darba kelli x-xorti li niltaqa' mal-missjunarji Maltin l-oħra li hemm f'Alta Cayma f'Arequipa. Stednuni għandhom għal ikla. Tgħidx kemm laqgħuni u kienet esperjenza oħra sabiħa. Kollha għandhom il-parroċċi tagħhom, b'eluf kbar ta' nies. Jaraw lill xulxin waqt l-ikla ta' nofsinhar, għax il-bqija għaddejjin bla nifs. Biex nirringrazzjahom ta' din il-laqgħa li tawni, il-ġimgħa ta' wara sajjartilhom ikla Maltija, fenkata tajba. Ġiet apprezzata ħafna, għax kienu mixtiqin minnha.

## L-Esperjenza fil-klinika

Wara tliet ġimgħat ta' ħidma tiegħi hawn, ħassejtni ma niflaħx għax kelli riħ. Ħadt il-mediċina li ġibt minn Malta, iżda m'għaddilix. Fr Alex issuġġerixxa li mmur il-klinika. Aċċettajt, però, nistqarr li kont daqsxejn imbeżżgħa, għax bejni u bejn ruħi għidt, "MINN JAF XI KLINIKA HAWN ĠO DAN IL-FAQAR", iżda mort. Kif dħalt, l-ewwel ħaġa li laqtitni kien ritratt ta' Mons. De Piro, il-fundatur tal-għaqda Missjunarji ta' San Pawl Malta. Ħadt ir-ruħ u rrilassajt għax minnufih

# Dr Alexandra Gauci

**tawgura l-Festa t-Tajba**
**lill-Ħalsafin kollha**

Infakkarkom li qed noffri s-servizz
tiegħi fil-klinika l-ġdida

HealthQi
Family Wellness Clinic

**77, Triq l-Iskola, Ħal Safi**
**Tel: 2164 2205 • Mob: 9984 0443**

indunajt li l-klinika hija parti mill-ħidma tal-missjunarji Maltin. Indafa kullimkien u l-istaff kollha bl-uniformi smart u ndaf. Kien hemm infermiera Maltija u ħadet ħsiebi ħafna; għenitni xħin kont għand it-tabib meta ried ifehemni bil-lingwaġġ tekniku tat-tobba bl-ispanjol. Ħaduli l-pressjoni, kienet tajba, għamilli check up, ordnali tliet injections, nieħu waħda kuljum, u poġġewni għal 20 minuta nieħu l-ossiġnu. Wara reġa' rani t-tabib. Ħassejtni aħjar u qalli li għandi bżonn nistrieħ u biex immur bil-mod u jerġa' jarani wara jumejn. B'kollox mort tlett ijiem il-klinika biex nittaqqab u nieħu l-ossiġnu. Qlibt għall-aħjar; kollox mar sew.

Lanqas qatt ma kont nobsor li ġo dan il-faqar se nsib klinika hekk ta' livell għoli u bi staff tant professjonali, dejjem grazzi u prosit għall-ħidma bla waqfien tal-M.S.S.P..

## Nerġgħu niltaqgħu

Erba' ġimgħat għaddew bħal ħolma u waslet l-aktar ġurnata iebsa għalija, dik li rrid insellem lil kulħadd. Lanqas ħajra nippakkja ma kelli. Parti minni tgħidli, ibqa' hawn, l-oħra tfakkarni li għandi xogħol ieħor jistennieni Malta. Bil-lejl ma stajtx norqod u ħassejt qalbi tħabbat. Tlabt lill-Mulej biex itini l-kuraġġ ħa nibqa' kalma. Fr Alex ġie jiekol mat-tfal għall-ikla ta' nofsinhar. Wara għamel kelmtejn fejn qal li wasal il-ħin biex jien insellmilhom. Wara kelli ngħid xi ħaġa jien. Il-kliem kien ftit, iżda l-emozzjonijiet kienu kbar. Tgħanniq, bews u dmugħ. Ma għedtilhomx Saħħa, iżda SAKEMM NERĠGĦU NILTAQGĦU.

Il-għada filgħodu, qabel ma qbadt il-vjaġġ twil lura lejn Malta kelli ftit ħin nirrifletti fil-kwiet ġol-kappella qalb il-muntanji, fis-skiet u s-sbuħija tan-natura kif ħalaqha l-Mulej, u qalb l-għanjiet tal-għasafar. Ħassejtni ħafna aħjar, tgħallimt napprezza iżjed, tgħallimt naċċetta iżjed, mhux biss dak li jibgħatli l-Mulej, iżda wkoll naċċetta lill-oħrajn kif inhuma. Tgħallimt inkun iżjed paċenzjuża u tolleranti. Fuq kollox tgħallimt kif inħobb iżjed. Għal darba oħra ndunajt li rċevejt ħafna aktar milli tajt. Lill-Mulej għidtlu grazzi ta' din l-esperjenza, u tlabtu biex jagħtini s-saħħa ħalli nerġa' niġi lura mill-aktar fis.

Issa, lura Malta, inħares madwari. Nara ħafna fsied żejjed, ħafna ħela u nfiq ta' flus bla bżonn. Ma niflaħx nara ikel jiġi mormi, 'jaħasra' ngħid bejni u bejn ruħi; kieku jafu kemm hawn nies bil-ġuħ ifittxu ġoż-żibel għal ftit ikel. Forsi narawhom fuq programmi fuq it-televiżjoni u ngħidu "JAĦASRA". Bil-jaħasra biss ma ttaffix ġuħ; kieku kulħadd jagħti ftit miż-żejjed li għandna, kieku nnaqqsu ħafna tbatija.

"MULEJ, waqt li nitolbok għall-missjunarji kollha biex tagħtihom l-għajnuna u s-saħħa biex jaqdu l-missjoni tagħhom, nitolbok Mulej biex ikollok ħniena mill-foqra tad-dinja kollha."

# Mario Service Station

**3D Wheel Alignment**

*Naghmlu xoghol ta':*

*Punctures,*

*Computerised wheel balance,*

*General service,*

*New tires all brands,*

*Car Stereos & Spoilers*

*Car stereos,*

*Car & motor batteries*

*Kull tip ta' Alloy Wheels*

*Kull tip ta' Alloy Wheels*




*Żurrieq Road, Safi - Tel:2764 1419*

**Żurrieq Road, Safi - Tel:2764 1419**


For
Further
information
please
call
on
2164 1417
La Gatta Bargain Boutique
All items under €35
The La Gatta Bargain Boutique is on your second turn on the right from
La Gatta main outlet in Blue Grotto Avenue.
(Triq l-Imqabba, near the day centre)


FAST, RELIABLE
& AFFORDABLE
Construction Works
Concrete and Form Works
Printed and Stencilled Concrete Paving
Warehouse and Garage Concrete Floor Screeds
Installation of Earth Electrode
Laying of Waterproofing Membrane
Hire of Plant and Machinery
Refurbishing of Pavements
Road Patching Work
J.&K. Contractors Ltd.
102, Triq Il-Hammieri,
Qormi QRM 1505
E: jkcontractors@mail.global.net.mt
T/F: 21447805
M: 99494813 / 99404821

# Tal-M.U.S.E.U.M.: Ħames snin fil-Polonja

*Ivan Grixti*



Meta lil Dun Ġorġ kienu jirreferu għalih bħala l-fundatur tal-M.U.S.E.U.M, dejjem kien jgħid li l-fundatur mhuwiex hu imma San Pawl! Ovvjament dan kien jagħmlu għax kien 'allerġiku' għal ftaħir u ċ-ċapċip. L-umiltà hija kwalità li għandna tassew għalxiex nitħarġu fiha.



Però Dun Ġorġ kien iħobb jagħti l-mertu kollu lil San Pawl għax fil-verità kien propju hu li ispirah biex iwaqqaf is-soċjetà tal-M.U.S.E.U.M.. San Pawl ta ħajtu għax-xandir tal-Evanġelju. Ta ħajtu *biex Kristu jsir magħruf u maħbub,* liema kliem huwa l-motto tal-M.U.S.E.U.M. Il-qofol tal-M.U.S.E.U.M huwa t-tagħlim, mhux dak sfurzat u medjokri, imma pjuttost dak it-tagħlim veru u mimli ħajja.

Tkun Ħal Safi, il-Kottonera jew f'Poznan il-Polonja, fejn bħalissa ninsab jien, xorta bħala soċju jkollok din il-missjoni: li wieħed jitgħallem u jgħallem dan il-kliem tal-ħajja. Ovvjament bħalma għamel San Pawl wieħed irid juża ħafna għaqal u jadatta ruħu għal post fejn ikun. Il-Polonja, minkejja li huwa pajjiż Ewropew huwa pajjiż differenti ħafna minn Malta. Huwa pajjiż kattoliku iżda li bħal Malta qed jiġi maħkum b'rata dejjem iktar mgħaġġla ta' nuqqas ta' valuri nsara u ta' telqa fir-relazzjoni ma' Alla.



Bil-għajnuna ta' Alla s-soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. fil-Polonja ser tagħlaq ħames snin f'Novembru li ġej. Il-laqgħat mat-tfal u ż-żgħażagħ żdiedu ġmielhom. Nistqarr li meta



nirrifletti bħal donnu nħoss li hemm ħafna qed jitolbu għalina għax mhux la kemm tippretendi li tibqa' għaddej bir-rutina ta' Malta u tlaqqa' n-nies; biex dan iseħħ żgur li hemm bżonn ta' kwantità kbira ta' fidi u paċenzja. Imma meta nħares lura ninduna li l-Mulej qed jagħmel ħwejjeġ kbar permezz tal-missjoni tal-M.U.S.E.U.M. hemmhekk. Ovvjament minkejja li għaddew ħames snin u żdiedu l-laqgħat xorta tista' tqabbel l-M.U.S.E.U.M. fil-Polonja, ma' tarbija li għada kemm titwieled.

Inħeġġiġkom titolbu ħafna għal iktar vokazzjonijiet u ħaddiema fl-għalqa tal-Mulej, għax il-ħsad mhux talli huwa kbir, imma huwa wkoll urġenti. Nitolbu għal xulxin ħalli ninfetħu iktar għal Ġesù biex b'hekk ħajjitna tkun tassew tagħmel sens.

Il-paċi magħkom!



# Dr Anthony Gauci

*jawgura l-Festa t-tajba*
*lill-Ħalsafin kollha.*
*Infakkarkom li qed inservi*
*fil-klinika tad-dar tiegħi*

## Grazzi

**'Ċettina House'**
**4, Żurrieq Road, Safi**

**Tel. No: 21641277**
**Mob: 99496111**



# For Domestic & Industrial Projects

All Types of Aluminium & Double Glazing
- Available in Different Colours • Automated Doors
- Insect Screens • Louvres • Skylights
- Arched Windows & Doors Blinds

*Free Advice & Quotations*

EXPRESS ALUMINIUM LIMITED

**Express Bldg, Triq l-Imdina, Żebbuġ ŻBĠ 9018**
**Tel: 21 461 078, 21 465 110 Mob: 99 595 318**
**Fax: 21 465 798 Web: www.expressaluminium.com**

# *Mir-Reġistri tal-Parroċċa*

*(Mill-Festa l-oħra 'l hawn)*



**Bdew il-Ħajja Nisranija:**

Eliza Busuttil, Amie Rapa, Ana Baldacchino, Alexander Fenech, Lionel Mifsud, Chelsea Magri, Julian Frank Cachia, Leah Pulis, Zane Pulis, Sheldon Farrugia, Emma Busuttil, Jake Tonna, Nicole Chetcuti, Thomas Sant, Aimee Grixti, Leah Rubie Davidson.

**NIFIRĦULHOM!**



**Għamlu l-Ewwel Tqarbina – 31 ta' Mejju 2015:**

Bellia Eman, Cachia Cain, Cutajar Danny, Dalli Matthias, Dingli Thomas, Farrugia Jerome, Grech Kane, Polidano Costantine, Schembri Gary, Schembri Warren, Sciberras Alexei, Sciberras Ivan, Spiteri Jan, Zammit Aidan, Zammit Cayden, Zammit Jake, Busuttil Cilenia, Cardona Maia, Mifsud Camilleri Ella, Pisani Alayza, Seychell Anthea, Zammit Alicia.

**NAWGURAWLHOM!**



**Irċevew il-Griżma tal-Isqof – 26 ta' Ottubru 2014:**

Busuttil Nicky, Caruana Kieran, Cutajar Kurt, Cutajar Clyde, Dalli Andreas, Debattista Matthew, Ellul Dylan, Mansour Haykel, Mifsud Matteo, Muscat Fabian, Peresso Neil, Sciberras Kursten, Xuereb Miguel, Zammit Mark, Abdilla Josielle, Balzan Celine, Caruana Charmaine, Debono Maya, Ellul Nicole, Galea Mya, Galea Kayleigh, Leone Ganado Mariah, Mangion Annalise, Saliba Justine, Vella Katya, Zammit Amy Victoria.

**L-ISPIRTU TA' ALLA JKABBARKOM FIH!**



**Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:**

David Spiteri ma' Rodianne Zammit

Mark Abela ma' Tiffany Abdilla

Roderick Portelli ma' Rita Vella

**NAWGURAWLHOM!**

**Daħlu Jistrieħu fil-Ħajja ta' Dejjem:**

Mary Cutajar, Salvina Zammit, Vinċenza Zammit,
Pawlina Zammit, Catherine Caruana,
Pawla Zammit, Pawlu Dalli, Andrew Magri,
Pawlu Busuttil, Esther Zammit.

**NITOLBU GĦALIHOM!**





## AVVIŻ - BUKKETT LI MA JINXIFX

Napprezzaw li matul il-jiem tal-festa,
apparti li jingħataw bukketti ta' fjuri friski,
nagħmlu wkoll il-**bukkett li ma jinxifx**,
jiġifieri li jkollna persuni li jagħtu offerta
li mhux biss issebbaħ, imma li tibqa' titgawda wkoll.

Din is-sena, dan il-bukkett li ma jinxifx
se jmur b'riżq l-ispejjeż għar-restawr tal-Istatwa ta' San Pawl.
Grazzi tal-ġenerożità tagħkom biex din l-inizjattiva nwettquha.

# ARBURAL

**GĦALL-FESTA NISRANIJA**

**Ix-xahar l-ieħor irċevejtu l-envelop tal-ARBURAL.**

**Is-sehem tiegħek hu IMPORTANTI U TA' ĦTIEĠA KBIRA.**

**Tgħidx: "Kemm kellna festa sabiħa!" u ma tkunx tajt is-sehem tiegħek.**

**Ibgħat l-envelop lill-Kappillan fl-Uffiċċju Parrokkjali.**

**GRAZZI! GRAZZI! GRAZZI!**

*Quddiesa kuljum tagħmel il-ġurnata isbaħ.*
*Ġesù l-ħin kollu jistenniena.*

**Ħinijiet tal-Quddies**
**PARROĊĊA SAN PAWL – SAFI**

**Matul il-ġimgħa – 7:45am (fix-xitwa), 7.30 am (fis-sajf) u 6.30 pm.**
**Ħdud u Festi Kmandati – 6.45 am, 8.15 am, 10.00 am.**
**Filgħaxija – 5:30 pm (fix-xitwa), 6.00 pm (fis-sajf).**





Pussess tal-Kappillan Dun David Farrugia - Il-Ħadd 5 t'Ottubru, 2014





POLIDANO

**DELIVERING
LANDMARK DEVELOPMENTS
AND CRITICAL INFRASTRUCTURE
FOR OVER 30 YEARS**

www.polidano-group.com
info@polidano-group.com